MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2025

Rikors Numru 596/2022 LM

**I.S. f'ismu proprju, f'isem uliedu, A, B, C u D, u bħala rappreżentant legali tar-rikorrenti, ilkoll applikanti fl-applikazzjoni 9410/20 fl-ismijiet *I.S. & Others* quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat bħala aġent ta' Malta, u b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2022 ġiet imsejħa fil-kawża E**

---

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors b'urġenza li ġie mressaq fid-9 ta' Novembru, 2022, mir-rikorrenti **I.S. (ID XXXXX) f'ismu proprju, f'isem uliedu, A, B, C u D, u bħala rappreżentant legali tar- rikorrenti, ilkoll applikanti fl-applikazzjoni 9410/20 fl-ismijiet I.S. & Others quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** [minn issa 'l quddiem 'ir- rikorrent *pro et nomine et*'], sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tiegħu

u ta' uliedu, u sabiex tiġi esegwita sentenza *res judicata* tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022, fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

***A. Preliminarjament***

1. *Illi dan ir-rikors promutur huwa l-aħħar tentattiv minn sensiela ta' kawżi dwar drittijiet fundamentali sabiex jiġi indirizzat il-fatt li l-esponent missier tħalla għal kważi erba' snin bla kuntatt effettiv ma' tliet uliedu minuri (minn erbgħa) li llum għandhom X, X u X snin, u din il-leżjoni waqfet grazzi għall-infurzar parzjali ta' sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) (Ara* ***Dok. 1****), u li għadu sal-preżentata ta' dan ir-rikors ma jkollu ebda kuntatt ma' ibnu l-kbir li llum għandu 15-il sena u l-kuntatt ilu wieqaf mis-27 ta' Settembru, 2017. Dan hu każ ta'* severe parental alienation *li ġie kkonfermat minn diversi esperti maħtura mill-Qorti tal-Familja, kif ukoll miċ-*Child Protection Services. *Dan ġie kkofermat u ratifikat minn diversi digrieti tal-Qorti tal-Familja, mill-PA Sede Kostituzzjonali rik. 27/19/JVC sentenza li hi* res judicata *tas-26 ta' Novembru, 2020,* ***(Dok. 2)*** *sentenza ta' Strasburgu tat-18 ta' Marzu, 2021 (App. 9410/20), kif ukoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (rik. 4361/21) tas-7 ta' Marzu, 2022* ***(Dok. 3)****.*

2. *Illi dan ir-**rikors b'urġenza** qiegħed jiġi intavolat minħabba li xi uħud mill-vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali li nstabu mill-QEDB app nru. 9410/20 deċiża fit-18 ta' Marzu, 2021 fl-ismijiet* I.S. & Others v Malta ***għadhom qed jippersistu sal-preżentata ta' dan ir-rikors promotur, jekk mhux ukoll b'aktar vigur. Minkejja li l-eżegwibilità tas-sentenza tal-QEDB ġiet ordnata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tas-7 ta' Marzu, 2022, l-Istat Malti baqa' ma għamel xejn b'mod sostantiv fir-rigward tat-tifel il-kbir u baqa' jkun hemm tfixkil kbir minn organi oħra tal-istat. Dan primarjament minħabba nuqqas ta' infurzar ta' sentenzi u digrieti eżekuttivi.*** *Diversi organi tal-istat ħallew lill-omm tfixkel l-esekuzzjoni tas-sentenzi msemmija fuq b'numru ta' kawżi frivoli u vessatorji li l-għan aħħari tagħhom huwa li jagħmlu* forum shopping *u li jfixklu u jtawlu bla bżonn l-aħjar andament tal-ġustizzja, bl-għan aħħari jkun li mat-trapass taż-żmien il-minuri jilħqu jsiru maġġoreni u r-rikorrent jibqa' bid-drittijiet tiegħu mhux infurzati. Ir-riżultat ikun li l-programm ta' rijunifikazzjoni li kien beda b'suċċess fis-sajf tal-2021 fir-rigward tat-tliet minuri żgħar, beda naqra, naqra jispiċċa fix-xejn. Dan primarjament minħabba l-insubordinazzjoni tal-omm lejn l-ordnijiet tal-Qorti tal-Familja li tħallew inaffru l-uniċi esperti li l-Onorabbli Qorti tal-*

*Familja setgħet tappunta. Dawn l-esperti ppreżentaw Nota fl-24 ta' Ottubru, 2022* ***(Dok. 4)*** *fejn infurmaw lill-Onorabbli Qorti tal-Familja li dan il-każ huwa intrattabbli. Dan minħabba li d-Digrieti tal-Qorti tal-Familja stess qatt ma ġew infurzati u omm il-minuri tħalliet issir qisha r-Re Louis XIV, billi tagħmel* witch-hunt *kontra l-iktar esperta bi speċjalizzazzjoni fuq is-suġġett, b'riżultat li l-proċess ta' rijunifikazzjoni fir-rigward tat-tliet minuri ż-żgħar waqaf u fir-rigward tal-minuri l-kbir qatt ma beda. L-esperti fil-preżent lesti jaħdmu mal-missier biss (ara* ***Dok. 5)*** *imma mingħajr is-sostenn tal-Qorti tal-Familja biex tinforza d-digrieti tagħha stess ma jista' jsir xejn.*

3. *Illi l-QEDB fit-18 ta' Marzu, 2021 fil-każ* ***IS and Others v Malta*** *(applikazzjoni numru 9410/20, iddeċidiet:-*

"(1) Declares the application admissible;
(2) Holds that there has been a violation of Article 8 of the Convention;
(3) Holds

a. that the respondent State is to pay the applicants, within three months, the following amounts:

i. EUR5,000 (five thousand euro) to the first applicant and EUR6,000 (six thousand euro) to each of the remaining applicants, plus any tax that may be chargeable, in respect of non-pecuniary damage;
ii. EUR 150 (one hundred and fifty euro), to the first applicant, plus any tax that may be chargeable to him, in respect of costs and expenses;

b. that from the expiry of the above-mentioned three months until settlement simple interest shall be payable on the above amounts at a rate equal to the marginal lending rate of the European Central Bank during the default period plus three percentage points;

**(4) Invites the authorities to examine the applicants' situation speedily and take the relevant action without further delay bearing in mind the findings in this judgment;** *(enfasi tal-esponent)*

4. *Illi minkejja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022 li ordnat li ġej, xorta s-sentenza baqgħet ma ġietx esegwita għax kull tentattiv li sar fir-rigward tal-minuri ż-żgħar ġie stultifikat jew mill-omm jew minn organu ieħor tal-istat kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel. Fir-rigward*

*tal-minuri l-kbir, **is-sitwazzjoni baqgħet kif kienet fit-18 ta' Marzu, 2021 u baqa' ma sar xejn**. Il-Qorti Kostituzzjonali ordnat:*

Għal dawn il-motivi tordna l-eżekuzzjoni tar-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani tat-18 ta' Marzu, 2021 billi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u l-esperti flimkien jagħmlu dak li hemm bżonn sabiex jiżguraw li:-

i. Fir-rigward tat-tlitt itfal li magħhom ir-rikorrent illum il-ġurnata għandu relazzjoni, jitkompla l-pjan ta' azzjoni b'dak it-tibdil li hemm bżonn sabiex tkompli u tissaħħaħ ir-relazzjoni; u
ii. Jekk għadu possibbli u m'hemmx periklu li ssir ħsara lis-saħħa u żvilupp tat-tifel il-kbir, isir pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir għar-rijunifikazzjoni ma' missieru u jitwettaq dak il-pjan.

5. *Illi r-rikorrenti minuri twieldu fl-X, X, X u X rispettivament u minħabba li l-minuri l-kbir daqt ma jibqax minuri u fil-konfront tiegħu qatt ma jsir xejn, il-każ ikompli jsir aktar urġenti.*

6. *Illi minkejja li l-QEDB skont ir-Regola 41 tar-Regoli tal-Qorti tat priorità assoluta lil dan il-każ, tant li l-proċeduri kollha saru fi żmien sena u l-parti kontenzjuża damet biss seba' xhur, l-Istat Malti kważi sentejn wara **limitatament għall-minuri l-kbir**, l-infurzar dwar ir-rijunifikazzjoni tal-missier mal-minuri l-kbir **għadu lanqas biss beda** u l-ħafna tajjeb li sar fl-2021 fir-rigward tal-minuri l-oħra issa wara l-24 t'Ottubru, 2022 kważi spiċċa fix-xejn minkejja s-sentenzi tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali.*

7. *Illi l-progress li sar fir-rigward tat-tliet minuri ż-żgħar sar fl-ambitu meta l-organi tal-Istat Malti direttament involuti, jiġifieri d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Protezzjoni tat-Tfal* (Child Protection) *flimkien mal-esperti tal-Qorti ssuġġeriti minnu, u l-Qorti tal-Familja ġibdu ħabel wieħed. Qabel is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dan il-koordinament spiċċa fejn l-organi tal-Istat b'mod partikolari l-Qorti tal-Familja ma kinux qed jimxu flimkien b'riżultat li anke fejn jidħlu t-tliet rikorrenti ż-żgħar, l-esegwibbilità tal-imsemmija sentenza ġiet imfixkla kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel u l-omm irnexxielha tħarbat ir-rijunifikazzjoni. Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tal-Famija għamlet sforz fid-direzzjoni t-tajba iżda l-omm baqgħet tuża diversi organi oħra tal-Istat u rikorsi fil-vojt, bħal rikors fl-atti ta' sentenza* res judicata *tal-Qorti Kostituzzjonali nfisha, **(Dok. 6)** biex ittawwal inutilment il-proċeduri u thedded lill-Qorti tal-Familja (ara per eżempju paragrafu 118 tas-sentenza tal-QEDB fejn din il-qorti internazzjonali ukoll indunat bit-theddid tal-omm lejn il-Qorti tal-Familja) u lill-esperti tal-Qorti tal-*

*Familja u d-Direttorat, b'rikorsi kostituzzjonali li intavolat l-omm. (Ara rikors Kostituzzjonali 656/21 RMG u 503/22GM li kollha għadhom pendenti). Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet ir-rikors fl-atti ta' sentenza* res judicata *permezz tad-Digriet tad-19 ta' Mejju, 2022* ***(Dok. 7)****. Dawn huma kollha bsaten fir-roti mill-omm li qed tuża s-sistema ġudizzjarja b'tali mod li s-sentenzi ma jiġux esegwiti jew inkella meta jiġu esegwiti tkun diġà żvintat l-effettività u l-effikaċja tagħhom. Fl-aħħar tas-sajf tal-2022, ir-rikorrenti spiċċaw b'diversi digrieti tal-Qorti tal-Familja li jordnaw terapija, digrieti li ma ġew infurzati qatt, terapija ma saret qatt, minħabba l-insubordinazzjoni tal-omm, sakemm l-esperti qatgħu qalbhom u intavolaw in-Nota tal-24 ta' Ottubru, 2022 imsemmija qabel għaliex la l-esperti u lanqas id-Direttorat ma jistgħu jaħdmu.*

8. *Illi peress illi l-QEDB sabet ksur kontinwat ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ir-rikorrent hu tal-umli fehma li dan il-ksur għadu għaddej flimkien ma' dak ta' Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni Ewropea.*

9. ***Illi dan ir-rikors jirrigwarda leżjonijiet li saru wara t-18 ta' Marzu, 2021, jiġifieri wara l-għotja tas-sentenza tal-QEDB*** *u li Taqsima B ta' dan ir-rikors qed issir biss sabiex l-Onorabbli Qorti tifhem il-kuntest.*

***B. Sfond li wassal għall-applikazzjoni 9410/20 fit-13 ta' Frar, 2020***

10. *Illi r-rikorrent missier, jinsab f'kawża ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja permezz tar-rikors ġuramentat 163/17AL intavolat fis-7 ta' Lulju, 2017. Kif ġie aċċettat fl-istess kawża ta' kif ukoll minn qrati oħra dwar id-drittijiet fundamentali, dan hu każ ta'* severe parental alienation *(aljenazzjoni ta' ġenitur) fejn ir-rikorrenti spiċċaw bla aċċess effettiv għal kważi erba' snin filwaqt li sal-preżentata ta' dan ir-rikors, fir-rigward tal-minuri l-kbir għad m'hemmx aċċess, wara iktar minn ħames snin. B'kollox f'dan il-proċess hemm mal-mija u ħamsa u għoxrin (125) rikorsi/noti, xi mija u ħamsa u għoxrin (125) risposta, u iżjed minn mitejn u ħamsin (250) digrieti apparti l-verbali li kważi kollha għandhom x'jaqsmu ma' aċċess. Dan hu proċess li s'issa laħaq 8 volumi voluminużi.*

11. *Illi fis-26 ta' Frar, 2019 ġie intavolat rikors fil-PA Sede Kostituzzjonali li wassal għal miżura* ad interim *limitata fid-19 t'April, 2019* ***(Ara Dok. 9)*** *u fis-26 ta' Novembru, 2020 l-istess Qorti diversament preseduta sabet ksur ta' Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ddiriġiet lill-Appoġġ (illum id-Direttorat tal-Ħarsien u l-Protezzjoni tat-Tfal) biex iħejju pjan għar-rijunifikazzjoni. Din is-sentenza saret* res judicata *fis-26 t'April, 2021 meta l-appell tal-Avukat tal-Istat ġie ċedut* ***(Ara Dok. 9)****.*

12. *Illi fil-frattemp, fit-13 ta' Frar, 2020 ġie intavolat rikors quddiem il-QEDB fejn fid-19 ta' Mejju, 2020, il-QEDB tat avviż lill-Istat Malti. B'mod mgħaġġel minħabba li din l-applikazzjoni ngħatat prijorità skont ir-regoli tal-istess Qorti, fis-6 ta' Novembru, 2020 intemmu l-proċeduri u fit-18 ta' Marzu, 2021 ngħatat id-Deċiżjoni fejn sabet ksur ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tal-applikanti kollha inkluż tal-minuri. Fil-fatt il-ksur ta' Artikolu 8 fil-konfront tal-minuri hu aktar gravi milli fil-konfront tal-missier u fil-fatt ingħataw iktar kumpens morali mill-missier.*

***Ċ. Sfond wara d-deċiżjoni tal-QEDB fl-ismijiet I.S. & Others v Malta tat-18 ta' Marzu, 2021 sal-ordni tal-infurzar mill-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022***

13. *Illi ta' min jinnota li kemm id-deċiżjoni ta' Strasburgu kif ukoll is-sentenza tal-PA Sede Kostituzzjonali għalkemm bi stil differenti, huma komplimentari u fl-istess direzzjoni u t-tnejn jipprovdu fi kliem differenti l-istess rimedju ċioe li l-Istat Malti jagħmel dak kollu possibbli biex issir rijunifikazzjoni bejn il-missier u l-ulied.*

14. *Illi f'Malta l-organu tal-Istat responsabbli mill-benesseri tat-tfal huwa d-Direttorat tal-Ħarsien dwar il-Protezzjoni tat-Tfal ("id-Direttorat").*

15. *Illi wara s-sentenza tal-PA Sede Kostituzzjonali permezz ta' Nota datata 10 ta' Diċembru, 2020 u permezz ta' rikors datat 13 ta' Jannar, 2021* ***(ara Dok. 10)*** *liema rikors baqa' ma ġie dekretat qatt, id-Direttorat ħejja pjan fejn il-minuri jmorru jgħixu temporanjament mal-missier għal xahar u jinħatru żewġ esperti fis-suġġett, is-Sur Karl Wright u Dr Claire Francica minħabba li d-Direttorat m'għandux ir-riżorsi umani imħarrġa biżżejjed fl-aspett ta'* parental alienation.

16. *Illi f'każijiet ta'* severe parental alienation *bħal ma hu dan il-każ, l-esperti internazzjonali li Dr Claire Francica u d-Direttorat jimxu fuqhom jgħallmu li f'każijiet bħal dawn ikun hemm bżonn dak li jissejjaħ* reunification programme *li jinvolvi bdil temporanju fir-residenza tat-tfal għal mawar 90 jum b'terapija intensiva kontinwa. Terapija tradizzjonali ma taħdimx. F'Malta m'hawnx riżorsi u infrastruttura biex dawn il-programmi jsiru kif suppost u b'dan il-każ, id-Direttorat ipprova jqisu bħala proġett pilota, iżda minħabba n-nuqqas ta' qafas legali adegwat, kollox jiddependi mill-Qorti tal-Familja, liema Qorti permezz tad-digriet tal-31 ta' Lulju, 2021* ***(Ara Dok. 11)*** *iddikjarat li ma tifhimx fil-psikoloġija u għandha bżonn l-għajnuna esterna.*

17. *Illi permezz tal-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Familja għażlet li timxi mat-terapija tradizzjonali u wara li saret konxja bis-sentenza ta' Strasburgu s-seduti saru aktar frekwenti.* ***(Ara Dok. 12)***

18. *Is-Sur Wright ġie formalment maħtur bħala espert fit-28 ta' Jannar, 2021 u Dr Claire Francica ġiet maħtura fis-26 ta' April, 2021 flok is-Sa Ingrid Baldacchino wara reżistenza mill-intimata fil-kawża ċivili. L-esperti Wright u Francica* ***inħatru fuq suġġeriment tad-direttorat*** *(ara Dok. 10) filwaqt li l-esperta Carmen Delicata inħatret mill-Qorti tal-Familja fuq xewqa tal-omm. Skont diversi digrieti kif ukoll skont id-Direzzjoni tad-Direttorat dawn inħatru kemm biex jipprovdu pjan kif ukoll biex issir it-terapija. L-Istat permezz tad-Direttorat m'għandux biżżejjed riżorsi umani biex iwettaq programm ta' rijunifikazzjoni. Ir-reżistenza tal-omm baqgħet ma waqfet qatt u Dr Francica spiċċat attakkata anke personalment u ridikolata anke mill-avukat tal-omm fl-affidavit li ppreżenta f'ismu fir-rikors 656/21 RMG kif ukoll fil-proċessi kollha intavolati minnu.*

19. *Illi l-esperti bdew xogħolhom mill-ewwel u minkejja li kien ċar li hemm bżonn ta' tibdil fir-residenza temporanja kif ġie spjegat hawn fuq, huma taw ċans għal terapija normali. Sa Ġunju 2021 kien jidher ċar illi t-terapija tradizzjonali ma ħadmitx u effettivament baqa' ma sar xejn fl-aċċess bejn il-missier u l-ulied kollha.*

20. *Illi f'dan l-isfond fil-21 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrent intavola rikors (ara* ***Dok. 13****) fejn wara intervent ieħor mid-Direttorat u seduta maratona fis-6 ta' Awwissu, 2021 fejn id-Direttorat kien rappreżentat mis-Sur Steve Libreri bħala Direttur, u wara li l-Qorti tal-Familja esplorat kull alternattiva possibbli li mhix* reunification programme, *permezz tad-Digriet tal-11 t'Awwissu, 2021 (****Dok. 14****), il-Qorti tal-Familja tat bidu għal programm ta' rijunifikazzjoni bil-bdil temporanju għal xahar bil-possibilità li jiġġedded mingħand l-omm għal għand il-missier. Il-protagonisti prinċipali jkunu d-Direttorat li jffaċilita l-proċess permezz ta' tmien* social workers *u terapija (fil-bidu* round the clock*) mal-esperti tal-Qorti. Kien hemm bżonn l-għajnuna professjonali tal-*Vice Squad *biex il-*handover *tat-tieni u r-raba' wild seta' jsir fl-Uffiċċju tad-Direttorat.*

21. *Illi għalkemm id-digriet tal-11 t'Awwissu, 2021 kopra l-erba' minuri, ġie deċiż li l-ewwel imorru ma' missierhom, it-tieni u r-raba' wild dejjem skont il-pariri tal-esperti u d-Direttorat u l-oħrajn imorru wara.*

22. *Illi sfortunatament kooperazzjoni mill-intimata fil-kawża ċivili f'dan l-istadju kienet non-eżistenti u minn hawn bdew sensiela ta' attakki personali mhux veritiera mill-intimata fuq l-esperti tal-Qorti u d-*

*Direttorat li għalkemm qatt ma ġie ppruvat xejn u l-inkarigu qatt ma tneħħa mill-Qorti tal-Familja, dawn l-allegazzjonijiet naffru sew l-esegwiment tad-Deċiżjoni ta' Strasburgu.*

23. *Illi għalkemm għall-bidu kien diffiċli u kien hemm bżonn ta'* learning curve *minn kulħadd, wara ftit ġranet kien evidenti li l-proċess ta' rijunifikazzjoni qed jaħdem u se jagħti l-frott.*

24. *Illi sa mis-seduta tat-3 ta' Settembru, 2021, l-esperti u d-Direttorat irrakkomandaw li wasal iż-żmien li jimxi wkoll it-tielet minuri. Minħabba li sfortunatament il-proċedura tal-Qorti tal-Familja mhix adattata u mgħaġġla biżżejjed biex tinforza programm ta' rijunifikazzjoni f'każ ta'* severe parental alienation, *il-proċess legali ħa xahar u kien biss wara tliet rikorsi/noti mir-rikorrent, mid-Direttorat u mill-esperti li fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2021, il-Qorti tal-Familja ordnat it-tibdil fir-residenza temporanja tat-tielet wild, liema tibdil sar fit-2 ta' Ottubru, 2021 wara intervent ta' tliet sigħat u fuqhom fl-uffiċċji tad-Direttorat u bil-għajnuna tal-esperti, tas-*social workers *tad-Direttorat u tal-***Vice Squad**. *(Ara* ***Dok. 15****).*

25. *Illi l-programm ta' rijunifikazzjoni li minn xahar spiċċa ġie mġedded darbtejn fil-konfront tal-ewwel żewġ ulied li mxew u kompla jkun ta' suċċess. L-istess jingħad għat-tielet minuri li ssettilja mal-missier mill-ewwel.*

26. *Illi fil-frattemp kull sforz biex tkompli t-terapija mal-minuri l-kbir li baqa' dejjem m'ommu spiċċa fil-vojt għax il-minuri l-kbir tħalla jikkostitwixxi ruħhu bħala Qorti tal-Appell (ara rikors tat-3 ta' Novembru, 2021* ***Dok. 16****) u meta wara l-attenzjoni mxiet fuqu biex jibda jsir xi ħaġa dwaru (l-intervent dwaru mhux bilfors ikun bħal tal-minuri l-oħra), l-interess biex tinstab soluzzjoni u jsir xi ħaġa naqas.*

27. *Illi dan sar fl-isfond li l-intimata baqgħet tagħmel allegazzjonijiet kontra kulħadd, liema allegazzjonijiet qatt ma ġew issostanzjati, iżda għalkemm il-ħatra tal-esperti u d-Direttorat qatt ma twaqqaf, l-esperti li mingħajr l-għerf professjonali tagħhom lanqas id-Direttorat ma jista' jaħdem, komplew jiġu esposti għall-attakki mill-intimata bl-ebda protezzjoni mill-Onorabbli Qorti tant li bdew jitnaffru.*

28. *Illi l-pressjoni fuq il-Qorti tal-Familja mill-intimata kompliet tikber tant illi s-seduta tal-14 t'Ottubru, 2021 kienet ikkaratterizzata mit-talbiet tal-intimata dwar l-aċċess u xejn dwar il-minuri l-kbir. Illi hawn ta' min jissolleva li programm ta' rijunifikazzjoni mhux battalja dwar kustodja jew aċċess ta' minuri iżda programm residenzjali temporanju ta' terapija intensiva sabiex tiġi indirizzata l-*isplitting *fil-minuri li jkunu vittmi ta'*

parental alienation *bl-intenzjoni li wara l-programm ikunu jistgħu jkomplu jgawdu b'mod diċenti liż-żewġ ġenituri.*

29. *Illi dawn l-allegazzjonijiet huma finta għax meta fis-seduta tal-14 t'Ottubru, 2021 l-intimata ngħatat għall-ewwel darba minn Awwissu aċċess għall-minuri li ma kinux magħha, superviżjonat minn dawn l-istess esperti, il-konsulent legali tagħha aċċetta u esprima l-fiduċja fihom.*

30. *Illi f'dan il-kuntest, il-ħabel wieħed li bejn Awwissu u Ottubru 2021 ġibdu ż-żewġ organi tal-Istat, issa beda jitħabbel u l-Qorti tal-Familja iktar tat enfasi li l-intimata jkollha aċċess wara 60 jum (li għal dan ma kienx hemm oppożizzjoni) milli s-60 xahar li l-missier u l-minuri l-kbir ilhom ma jkollhom aċċess bejniethom.*

31. *Illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2021 (ara* **Dok. 17***) wara 90 jum bejn l-ewwel żewġ ulied li mxew u wara 45 jum għat-tielet wild, il-programm ta' rijunifikazzjoni nbidel f'*shared parenting *fejn it-tliet minuri żgħar qed iqattgħu ħin indaqs maż-żewġ ġenituri.*

32. *Illi wara xahar minn mindu daħal fis-seħħ dan l-arranġament, dan jidher li kien sejjer tajjeb u progress qed isir, iżda l-minuri l-kbir intesa għal kollox u fil-konfront tiegħu ma sar xejn għajr li l-Onorabbli Qorti tal-Familja ddeċidiet li tisma' lill-minuri l-kbir b'mod miftuħ fl-awla 26 fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021 bil-għajnuna tal-esperti tal-Qorti u tad-Direttorat.*

33. *Illi wara s-seduta tal-11 ta' Novembru, 2021, id-Direttorat u l-esperti ġew injorati għal kollox u s-sapport li għad hemm bżonn biex dak li nkiseb fir-rigward tat-tliet minuri ż-żgħar ma jintilifx u biex jibda jsir xi ħaġa mal-minuri l-kbir baqa' ma sar xejn.*

34. *Illi fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2021* **(Dok. 18)** *għalkemm ir-rikorrenti missier kien preżenti u l-Qorti tal-Familja qagħdet attenta biex ma jerġax jinkiser Artikolu 6 (bħal ma nstab li ġara f'Diċembru 2018 meta kienu nstemgħu l-minuri), mhux l-istess jingħad għal Artikolu 8 fejn il-minuri l-kbir li kien għad għandu X sena tħalla għal aktar minn siegħa jiffantasizza kontra missieru, kontra l-esperti tal-Qorti b'mod partikolari Dr Francica li hija l-aktar waħda kwalifikata fis-suġġett u l-iktar li ħadmet f'dan il-programm ta' riunifikazzjoni u wkoll kontra d-Direttorat. L-esperti u d-Direttorat ma tħallewx ikunu preżenti fl-awla fuq xewqa tal-minuri biex b'hekk ma kien hemm l-ebda assistenza u spjegazzjoni lill-Onorabbli Qorti tal-isplitting li beda ħiereġ minn fomm il-minuri l-kbir.*

35. *Illi wara kważi sittin xahar u disa' xhur wara s-sentenza ta' Strasburgu, l-Istat Malti irnexxielu jgħaqqad lill-missier u lill-iben minuri fl-ambjent mhux adattat ta' awla 26 billi ta opportunità li minuri joħroġ il-fantasiji kollha (li teknikament jissejjaħ* splitting*) kontra missieru, l-awtoritajiet l-oħra tal-Istat u tal-esperti li suppost qegħdin hemm biex jgħinu fir-rijunifikazzjoni u jkompli jagħmel rijunifikazzjoni aktar impossibbli.*

36. *Illi in vista tas-suespost il-pożizzjoni preżenti, f'Diċembru 2021, jiġifieri disa' xhur wara s-sentenza ta' Strasburgu, l-eseġwibilità tas-sentenza ta' Strasburgu fir-rigward dak li sar tajjeb u fejn ir-rijunifikazzjoni sejra tajjeb issa tinstab mhedda bil-fatt illi l-esperti qed jinfurmaw lir-rikorrent missier b'mod informali li mingħajr is-sapport tal-Qorti tal-Familja u ta' kif qed jittieħdu d-deċiżjonijiet ma jistgħux ikomplu jaħdmu fil-każ u jixtiequ jieqfu. Ta' min iżid illi Dr Claire Francica li hi sapportjata minn esperti barranin, hi l-unika waħda f'Malta li għandha l-esperjenza li tagħmel dan ix-xogħol u li fl-assenza tat-tim eżistenti, jkollhom jinġiebu konsulenti barranin biex ma jintilifx dak li sar.*

37. *Illi mhux biss dan ifisser li għall-ħames Milied konsekuttiv l-esponent ma kellu ebda attentat ta' rijunifikazzjoni bejn il-missier u l-minuri l-kbir, imma l-Qorti tal-Familja, minħabba allegazzjonijiet inveritieri mill-omm ma komplietx b'mod tajjeb u intelliġenti l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB. Għalhekk fit-22 ta' Diċembru, 2021, l-esponent ma kellux għażla oħra ħlief li jirrikorri għall-mekkaniżmu ta' Artikolu 6(1) ta' Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

38. *Illi fil-frattemp, fil-25 ta' Jannar, 2022 l-esperti wrew ix-xewqa li ma jistgħux ikomplu jaħdmu mingħajr is-sapport tal-Onorabbli Qorti tal-Familja. (Ara* ***Dok. 19****).*

39. *Illi dan ir-rikors Kostituzzjonali fuq imsemmi, instema' b'mod urġenti u fis-7 ta' Marzu, 2022 ingħatat is-sentenza ppreżentata bħala Dok. 3 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak li sar tajjeb (u li r-rikorrenti qed tkompli tattakka b'rikorsi 656/21 RMG u 503/22 GM) u ordnat lill-Qorti tal-Familja biex tkompli tagħmel dak li suppost għamlet u stiednet lit-tliet esperti sabiex ikomplu bl-inkarigu.*

**D. *Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022***

40. *Illi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Onorabbli Qorti tal-Familja tat digriet fit-22 ta' Marzu, 2022* ***(Ara Dok. 20)*** *fejn ikkuppjat il-parti esekuttiva tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ħatret avukat tat-tfal biex tisma' lit-tfal u ma aċċettatx ir-riżenja tal-esperti.*

41. *Illi fis-17 ta' April, 2022, l-esperti intavolaw ir-rapport fil-Qorti tal-Familja (Ara* ***Dok. 21****) fejn issuġġerew tibdil temporanju ieħor fir-residenza tat-tliet minuri ż-żgħar kif ukoll iżjed terapija intensiva.*

42. *Illi dan jidher li kien pass 'il quddiem, imma sfortunatament kien biss pass pożittiv fuq il-karta għax is-sitwazzjoni kompliet sejra lura. Filwaqt li baqa' ma sar xejn fir-rigward tal-minuri l-kbir, l-intimata fil-proċess ċivili tħalliet tkompli titfa' tajn u taqla' qlajjiet ta'* 'bias' *fir-rigward tal-esperti, b'mod partikolari Dr Francica.*

43. *Illi fit-28 t'April, 2022 l-omm intavolat rikors fil-kawża* res judicata *tal-Qorti Kostituzzjonali fejn talbet lill-Qorti tikkjarifika s-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu u talbet biex tillimita r-rwol tal-esperti tal-Qorti. Il-Qorti Kostituzzjonali permezz tad-Digriet tad-19 ta' Mejju, 2022 ċaħdet it-talbiet kollha, ikkonfermat li s-sentenza tagħha hi ċara u li huma l-esperti tal-Qorti tal-Familja li għandhom jiggwidaw kif issir ir-rijunifikazzjoni. Hawnhekk ta' min iżid li r-rikors tal-omm prova jistieden il-Qorti biex tillimita r-rwol tal-esperti tal-Qorti tal-Familja, iżda d-digriet kien ċar. (Ara Dok. 6 u 7)*

44. *Illi filwaqt li ntavolat dan ir-rikors, l-omm kompliet bl-attakki kontinwi fuq l-istess esperti. L-ewwel qabbdet lill-minuri jirrikordjaw sessjonijiet ta' terapija bil-moħbi u fl-24 ta' April, 2022 saħansitra għamlet rapport ta' vjolenza domestika kontra l-missier proprju waqt sessjoni ta' terapija. L-omm għamlet rapport potenzjalment falz fl-għassa ta' Ħaż-Żabbar wara li rriżulta li t-tifel ta' 11-il sena kien qed jikkomunika m'ommu bil-moħbi biex itellef it-terapija. Il-pulizija ġew fid-dar tal-missier, sabu li l-esperta li kienet qed tagħmel xogħolha u ħarbtu s-sessjoni. Il-Pulizija spiċċat għodda f'idejn l-omm, u l-missier kellu jintavola protest ġudizzjarju kontra l-Kummissarju tal-Pulizija. Jirriżulta li wara l-protest saru investigazzjonijiet, u s'issa jiġifieri 7 xhur wara ma nħarġu l-ebda akkużi.*

45. *Illi f'April 2022 saru wkoll sessjonijiet bejn l-avukat tat-tfal nominat mill-Qorti tal-Familja fejn l-avukat tat-tfal spiċċa kompliet tħarbat il-proċess. F'dan ir-rigward ġie intavolat protest ġudizzjarju ieħor. F'Ottubru 2022 l-istess avukat tat-tfal riedet terġa' tkellem lit-tfal fil-proċess 656/21/RMG. Wara rikors u mandat ta' inibizzjoni, l-PA fehmet il-kwistjoni, l-inkarigu tal-avukat tat-tfal ġie irtirat u l-mandat ġie ċedut* ***(Dok. 22)****.*

46. *Illi l-Avukat tal-Istat li għandu dmir jara li s-sentenza ta' Strasburgu tiġi eżegwita, flok ħa azzjoni li x-xogħol tal-avukat tat-tfal kien seta' jfixkel*

*l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-QEDB, kif ġara f'April 2022, oppona għall-istess mandat ta' inibizzjoni u kien intiż biex ma ssirx ħsara.*

47. *Illi fid-9 ta' Mejju, 2022, l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat biex il-partijiet ikellmu l-Psikoterapista Carmen Sammut ħalli taġġorna rapporti li kienet għamlet fuq il-partijiet. (Ara **Dok. 23**). L-omm irrifjutat li tmur u minkejja l-ordni tal-Qorti tal-Familja ma marret qatt. (Ara **Dok. 24**). L-ordni tal-Qorti tal-Familja baqgħet mhux infurzata.*

48. *Fis-27 ta' Mejju, 2022, id-Direttorat intavola rapport (ara **Dok. 25**) fejn id-Direttorat irrakkomandaw li t-tliet minuri żgħar jittieħdu mingħand l-omm għal għand il-missier b'mod indefinit għax l-omm ma kienet lesta li tikkoopera qatt. Fil-frattemp komplew l-attakki kontinwi min-naħa tal-omm kontra l-esperti u d-Direttorat.*

49. *Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2022, l-omm attakkat ir-rapport tad-Direttorat u attakkat l-awtentiċità tar-rapport. L-ebda deċiżjoni dwar ir-rapport ma ttieħdet.*

50. *Fit-13 ta' Lulju, 2022* (seduta stante) *l-esperti ppreżentaw rapport ieħor. (Ara **Dok. 26**). F'dan ir-rapport Dr Francica stqarret li l-avukat tal-omm qed jattakkaha personalment u qed itellifha milli tkompli tagħmel xogħolha billi jattakka lilha b'mod personali u spjegat kif qed jipprova joħloq firda bejn l-esperti. L-esperti baqgħu bla protezzjoni effettiva bl-omm tramite l-avukat tagħha tibqa' titfa' tajn lejhom u lejn il-missier u lejn id-Direttorat b'impunità.*

51. *Illi l-istess rapport irrakkomanda li qabel ma jittieħdu miżuri drastiċi kif kien qed jissuġġerixxi d-Direttorat, isir tentattiv ta' terapija intensiva.*

52. *Illi jidher li hemm kunsens bejn l-esperti hu li ċ-ċavetta għal dan il-każ ikkomplikat hija terapija intensiva, u f'każ bħal ma jiġri fejn il-partijiet ma jikkooperawx, importanti li l-Onorabbli Qorti tieħu azzjoni biex tinforza d-deċiżjonijiet tagħha.*

53. *Illi fl-20 ta' Lulju, 2022 l-Onorabbli Qorti tal-Familja tat digriet fejn ordnat li l-partijiet flimkien mal-minuri jmorru għat-terapija b'multi jekk dan ma jsirx. (Ara **Dok. 27**). Dan id-digriet suppost żblokka s-sitwazzjoni u kompla l-programm ta' rijunifikazzjoni li kien abbandunat sa minn April 2022 wara l-intervent diżastruż tal-pulizija u l-avukat tat-tfal.*

54. *Illi matul is-sajf saru diversi attentati biex l-esperti jkomplu xogħolhom. Iżda l-omm QATT ma kkooperat, ġieli l-missier spiċċa mar waħdu, l-imġiba tat-tfal kompliet tiddeterjora u spiċċat il-kooperazzjoni. Għalkemm fuq il-karta baqa'* shared parenting *fejn it-tfal suppost*

*iqattgħu ħin indaqs mal-ġenituri, ir-rikorrenti spiċċa waħdu bla għajnuna mill-esperti u d-Direttorat fejn it-tfal ma kkooperawx.*

55. *Illi fil-frattemp baqgħu jsiru l-attakki b'impunità fil-konfront tat-tliet esperti, ta' Carmen Sammut kif ukoll tal-ħaddiema tad-Direttorat. In-nuqqas ta' sostenn wassal mhux biss biex ma titjiebx is-sitwazzjoni fir-rigward tat-tliet minuri żgħar, iżda ma jsir xejn fir-rigward tal-kbir.*

56. *Illi fit-3 t'Awwissu, 2022 ir-rikorrent intavola rikors fil-Qorti tal-Familja fejn talab li tittieħed azzjoni fuq il-kbir. Il-Qorti tat digriet fit-23 ta' Settembru fejn talbet l-esperti għar-rakkomandazzjonijiet, liema rakkomandazzjonijiet ma waslu qatt minħabba l-attakki tal-omm. (Ara **Dok. 28**).*

57. *Illi fit-3 t'Awwissu, 2022 u fis-26 t'Awwissu, 2022 ir-rikorrenti intavola żewġ rikorsi oħra biex jitlob l-Onorabbli Qorti tal-Familja tinforza d-digriet tagħha stess. L-Onorabbli Qorti ma aċċettatx u dan għax l-avukat tal-omm informa lill-Qorti li kien se jiftaħ kawża kostituzzjonali għax skont hu, huwa ksur tal-Artikolu 8 li l-omm u t-tfal jiġu mġiegħla jmorru għat-terapija. Fil-fatt ġie intavolat rikors 503/22 GM (Ara **Dok. 29** – Digrieti tat-23 ta' Settembru, 2023).*

58. *Illi l-omm baqgħet għaddejja bl-insubordinazzjoni tagħha u l-esponent kellu jintavola żewġ rikorsi oħra fid-29 ta' Settembru, 2022 fejn reġa' talab biex il-Qorti tinforza d-digrieti tagħha. Il-Qorti effettivament ċaħdet it-talbiet permezz tad-Digriet tal-1 ta' Novembru, 2022. (ara **Dok. 30**).*

59. *Illi minħabba s-suespost, l-esperti waslu għall-konklużjoni li f'dan il-kuntest, dan il-każ huwa intrattabli imma fl-istess nifs lesti li jkomplu jgħinu lill-missier waħdu (ara Dok. 5).*

60. *Illi l-każ ġie deskritt bħala intrattabbli għax l-esperti ma jistgħux jaħdmu, għax id-digrieti tajbin tal-Qorti tal-Familja baqgħu mhux infurzati.*

***E. Raġunijiet għaliex il-leżjonijiet ta' qabel is-sentenza tal-QEDB baqgħu hemm u żdiedu***

61. *Illi d-deċiżjoni tal-PA Sede Kostituzzjonali tas-26 ta' Novembru, 2020, kif ukoll is-sentenza tal-QEDB tat-18 ta' Marzu, 2021 sabu li l-leżjoni prinċipali hi d-dritt tal-Familja tar-rikorrenti missier u rikorrenti minuri protett minn Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madanakollu sa llum fir-rigward tal-kbir ma sar xejn. Hawnhekk ta' min jiċċara, **mhux saru xi tentattivi u fallew. Ma sar xejn.** Fir-rigward tat-tliet minuri ż-żgħar fl-2021 sar progress kbir u tajjeb, progress li beda jitreġġa' lura minħabba li l-organi tal-istat ma ħadmux*

*id f'id u bdew jimxu għal rashom. (Ara paragrafu 17 tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali). Wara li l-affarijiet tjiebu ftit wara din is-sentenza, l-insubordinazzjoni min-naħa tal-omm flimkien man-nuqqas t'infurzar tad-digriet tal-Qorti tal-Familja wassal biex l-esperti jikkonkludu li l-każ huwa intrattabbli filwaqt li lesti jkomplu jaħdmu mal-missier.*

***E1. Il-Qorti tal-Familja***

*62. Illi l-Qorti tal-Familja hija l-Qorti prinċipali li għandha d-dmir u l-obbligu li tara li tiġi s-sentenza tal-QEDB skont id-direzzjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali meta ordnat l-esegwibilità tas-sentenza ta' Strasburgu, u li tali esekuzzjoni hija waħda effikaċi u effettiva, u li fin-nuqqas, tipprovdi għal dan.*

*63. Illi dan l-obbligu ma jintlaħaqx biss billi jingħata digriet fl-20 ta' Marzu, 2022 (ara Dok. 20) fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u l-infurzar jieqaf hemm. L-obbligu jibqa' li l-każ u l-iżviluppi jiġu esegwiti u jingħataw u jiġu infurzati d-digrieti.*

*64. Illi l-lanjanza prinċipali f'dan il-każ, hija li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Onorabbli Qorti tal-Familja, żammet l-esperti meħtieġa, tat digrieti fid-direzzjoni t-tajba iżda għal xhur u ġimgħat sħaħ, l-infurzar tad-digrieti tagħha stess kien non-eżistenti u reġgħet waqgħet għal-logħba tal-omm li thedded lill-istess Qorti jew b'fatti inveritiera jew b'argumenti legali li ma jreġux bħal ma nnotat l-istess QEDB f'paragrafu 118 tas-sentenza tagħha.*

*65. Illi di più, l-omm għandha 'trekk rekord' tajjeb li thedded u tisfida lil din l-Onorabbli Qorti. Dan mhux kliem l-esponent, iżda kliem l-QEDB fejn f'paragrafu 118 innotat li:*

> The latter's lack of co-operation was persistently brought to the attention of the Family Court, who in turn often issued orders in this respect (see paragraphs 27 and 28 above) which nevertheless remained unheeded (see paragraph 30 above). The Court observes that despite the Family Court's order for police assistance, contact could still not take place: **allowing the mother to take full control of the situation, to the extent that she felt comfortable threatening the court** (see paragraph **Error! Reference source not found**, above).

*Naturalment il-kuntest preżenti huwa differenti imma l-insubordinazzjoni marret għall-agħar.*

*66. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Familja fid-9 ta' Mejju, 2022 ordnat lill-partijiet jiġu eżaminati mis-Sinjura Carmen Sammut u iktar importanti fl-20 ta' Lulju, 2022 minħabba s-suespost spjegat fit-taqsima D ta' dan ir-rikors*

*promutur, ordnat terapija mat-tliet esperti tal-Qorti li jaħdmu id f'id mad-Direttorat. Dan id-digriet hu essenzjali biex il-programm ta' rijunifikazzjoni li kien miexi tajjeb sa Diċembru 2021 ikompli.*

67. *Illi biex jiġi ċċarat, l-obbligu li tiġi infurzata s-sentenza tal-QEDB jaqa' fuq id-Direttorat bħala ċ-*Child Protection Services *tal-Istat. Madanakollu d-Direttorat issuġġerixxa lil Claire Francica u Karl Wright u l-Qorti tal-Familja ħatret ukoll lil Carmen Delicata fuq xewqa tal-omm biex dawn jaħdmu spalla ma' spalla mad-Direttorat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani u li Claire Francica u Karl Wright tħarrġu sew fil-qasam ta'* parental alienation *li dwaru hu dan il-każ.*

68. *Illi madanakollu l-Onorabbli Qorti tal-Familja rrendiet ruħha ineffettiva meta digrieti fid-direzzjoni t-tajba ma ġewx infurzati minħabba t-theddid mill-intimata fil-kawża tal-familja fuq l-istess linji li nnotat il-QEDB f'paragrafu 118. Per eżempju bla bażi, l-avukat tal-intimata jakkuża lir-rikorrent li kiteb ir-rapport tat-13 ta' Lulju, 2022 tal-esperti hu waqt is-seduta. Jakkuża li l-awtur tar-rapport tad-Direttorat tas-27 ta' Mejju, 2022 ma jafx min kitbu għax hu ffirmat mill-avukat tad-Direttorat minkejja li l-*case officer, *is-Sa Ingrid Baldacchino qalet fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2022 li kitbitu hi in konsultazzjoni mad-direttur. Għal darb'oħra l-avukat tal-intimata jinforma lil Carmen Sammut permezz ta' email li l-inkarigu tagħha inbidel meta ma jkunx il-każ. (Ara* ***Dok. 31****). Fis-seduta tas-7 ta' Settembru, 2022 hu jqajjem il-punt li l-Onorabbli Qorti tal-Familja m'għadhiex dritt tordna terapija għax imur kontra d-drittijiet fundamentali tal-omm. Jinsisti li l-omm għandha dritt ma tiħux lit-tfal kif ordnata tagħmel mid-Digriet tal-20 ta' Lulju, 2022 u jintavola kawża biex itawwal l-infurzar wara li ttanta jitlob rinviju. Dawn kollha influwenzaw id-deċiżjoni ta' nuqqas ta' infurzar.*

69. *Illi t-terapija hija urġenti, essenzjali li ssir issa u inutli għar-rikorrent li l-Qorti Kostituzzjonali xhur oħra terġa' tordna li t-terapija għandha ssir wara li jiġi rikonoxxut dan il-bżonn fis-sentenza tagħha għax il-programm ta' rijunifikazzjoni jkun falla kompletament u huwa psikoloġikament impossibbli li jibda mill-ġdid. Ir-rikorsi intavolati min-naħa tal-omm huma intiżi biex jinħela żmien prezzjuż għax jekk dawn is-sentenzi jkunu favuriha sena jew sentejn oħra, l-progress ikun staġna u l-iskop aħħari li ssir rijunifikazzjoni tkun intilef għal dejjem bi preġudizzju serju u irrevokabli għad-drittijiet tar-rikorrenti.*

70. *Illi r-rikorrent intavola erba' rikorsi biex l-Onorabbli Qorti tal-Familja tinforza d-digrieti tagħha stess. Dawn dejjem jiġu irrifjutati għal raġuni jew oħra. Ara r-rikorsi tat-3 t'Awwissu, 2022, tas-26 t'Awwissu, 2022 u*

*tad-29 ta' Settembru, 2022 u d-Digrieti tat-23 ta' Settembru, 2022 u tal-1 ta' Novembru, 2022 (Dok. 29 u 30).*

71. *Illi li l-Qorti tal-Familja tagħti digrieti tajbin u wara ma tinfurzahomx tkun qed iċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt li jkollhom smigħ xieraq u aċċess għall-Qorti għax tkun qed tirrendi digrieti bħala inutli u l-Qorti li hi l-aħħar pedina fl-istat tad-dritt, bħala ineffettiva. L-Istat Malti jkun qed jabroga mid-dmirijiet tiegħu lejn iċ-ċittadin f'dan il-każ, ir-rikorrenti.*

72. *Illi l-esperti u d-Direttorat iridu jaħdmu imma f'dan l-ambjent ma jistgħux. L-Istat Malti permezz tad-Direttorat qed jipprova jaqdi dmiru skont is-sentenzi tal-QEDB u dik Kostituzzjonali iżda mhux qed isibu l-appoġġ u s-sostenn neċessarju mill-Qorti tal-Familja. Digrieti tajbin mhux infurzati huma leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u kien dan flimkien mal-impunità tal-intimata fil-proċess ċivili li rrenda dan il-każ intrattabbli b'riżultat li l-proċess ta' rijunifikazzjoni ordnat mill-QEDB u mill-Qorti Kostituzzjonali waqaf.*

73. *Illi di più, digrieti bħal dak tal-1 ta' Novembru, 2022 (ara **Dok. 32**) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Familja tiċħad talbiet mingħajr ma tagħti r-raġunijiet fl-umli opinjoni tar-rikorrent tkun qed tikser Artikolu 6 minħabba li r-rikorrent għandu dritt ikun jaf liema huma r-raġunijiet fir-risposta tal-intimata minħabba li r-risposta qatt ma tkun notifikata lir-rikorrent.*

***E2. Id-Direttorat***

74. *Illi d-Direttorat flimkien mal-esperti tiegħu għamlu diversi rapporti, studjaw il-każ, offrew sostenn u għamlu biċċa xogħol tajba ħafna tant li għal xhur sħaħ is-sitwazzjoni fir-rigward tal-minuri ż-żgħar bdiet miexja 'l quddiem. Madanakollu dan l-organu tal-Istat tant importanti m'għandux il-qafas legali biex jaħdem, jiddependi fuq il-qrati u f'sitwazzjoni bħal emerġenza medika ma jeżistix il-qafas legali biex id-Direttorat u l-Qorti tal-Familja jaħdmu* in tandem.

***E3. Il-Pulizija***

75. *Illi fl-24 t'April, 2022, il-Pulizija, wara rapport dwar allegata vjolenza domestika mill-omm li kienet taf li hemm sessjoni ta' terapija bejn il-minuri ż-żgħir u l-missier ma' Dr Francica fid-dar tal-missier, il-Pulizija intervjenew u ħarbtu s-sessjoni kompletament. Il-Pulizija kien aktar moħħhom f'li jieħdu t-tfal magħhom u jgħadduhom lill-omm biex tkun tista' tagħmel ir-rapport tagħha fl-uffiċini tad-DV Unit. L-uffiċjali ma tawx l-opportunità lill-esponent li jieħu t-tfal hu, lanqas segwew l-istruzzjonijiet tal-esponent għal dak li għandu x'jaqsam mal-mowbajl*

*tal-minorenni li kien qed jintuża b'mod ħażin mill-minorenni kif konfermat mill-esperta u jagħtuh lilu. Lill-esperta injorawha kważi kompletament u ħarbtulha xogħolha. Lanqas biss tawha ċans tispjega x'kien qed jiġri, li dak li kien qed jiġri huma affarijiet normali f'każijiet ta'* parental alienation *u bħal li kieku l-istess esperta ma kinitx hemm. L-intervent tal-Pulizija tal-Għassa ta' Ħaż-Żabbar serva biex l-omm użat il-Korp tal-Pulizija biex tieħu lill-minuri f'ħin li suppost kien mal-missier u biex iservu l-bżonnijiet tagħha li tipprova titfa' allegazzjonijiet fuq l-esponent u l-esperta li l-omm kienet taf li kienet qed tagħmel sessjoni.*

76. *Illi d-dmir li jsiru l-investigazzjonijiet għandu jsir b'mod professjonali u sensittiv u la kien ovvju li ma hemm l-ebda perikolu, u kien hemm ukoll il-preżenza tal-esperta, ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex l-uffiċjali jieħdu t-tfal mir-residenza, jagħmlu 'show' fil-blokka tal-appartamenti bħallikieku l-missier kien diġà ħati li wettaq vjolenza fuq it-tfal u ħaduhomlu.*

77. *Illi dan l-intervent sar bla responsabbilità għax l-omm li għamlet ir-rapport ġiet fdata bl-istess minuri għal aktar minn siegħa waħedha fir-*reception *tad-DV, żmien tajjeb biżżejjed biex tkun tista' tikkowċja lit-tfal xi jgħidu.* F'parental alienation *dan jissejjaħ* triangulation *u kien ċar li l-uffiċjali la kienu jafu u lanqas interessahom li jkunu jafu kif joqogħdu attenti biex ma ssirx ħsara. Il-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar ifarfru fuq tad-DV u tad-DV ma jirrispondux għal ta' Ħaż-Żabbar, daqs li kieku dan mhux l-istess Korp.*

78. *Illi l-aġir tal-uffiċjali seta' poġġa lill-istess minuri f'riskju meta mingħajr ordni tal-Qorti u mingħajr ma talbu direzzjoni mill-esperta tal-Qorti, ħadu l-minuri mir-residenza tal-missier u ħallewhom f'idejn l-omm li potenzjalment setgħet kienet ta' periklu.*

79. *Illi minħabba s-suespost, mhux aċċettabbli l-Korp tal-Pulizija kemm minn rajh u kemm minħabba l-azzjonijiet ta' terzi persuni, jitħalla jfixxel l-organi l-oħra tal-Istat li jkunu qed jesegwixxu s-sentenza tal-QEDB skont l-obbligi internazzjonali li għandu l-Istat Malti.*

**E4. *L-Avukat tat-tfal u s-suġġeriment li jieqaf l-aċċess***

80. *Illi wieħed jippretendi li avukat tat-tfal ikun avukat vera tat-tfal u mhux l-avukat ta' ġenituri li jkun parti minn proċeduri legali kontra l-ġenitur vittma. L-avukat tat-tfal hu dak li jagħraf u jiddefendi d-drittijiet tat-tfal u mhux ikun il-megaphone tat-tfal li f'każ ta'* severe parental alienation *ikunu qed jitkellmu ħafna drabi kontra l-interess ġenwin tat-tfal u favur l-interess tal-ġenitur li jaljena. Għalhekk hu essenzjali li kull professjonist*

*li jaħdem f'dan il-qasam ikun imħarreġ sew u infurmat sew fil-qasam tal-*parental alienation.

81. *Illi f'dan il-każ jidher ċar illi l-avukat tat-tfal m'għandha l-ebda taħriġ għal dak li għandu x'jaqsam ma'* parental alienation. *Per eżempju huwa importanti li f'każijiet bħal dawn il-ġenitur li jaljena li jkollu kontroll assolut ma jibqax jeżerċita kontroll fuq it-tfal. Dan hu ta' dannu psikoloġiku u fir-Rapport intavolat fis-16 ta' Mejju, 2022 wieħed isib li l-avukat tat-tfal qed ikompli jħeġġeġ l-użu tal-mowbajl għand il-missier biex ikompli jitħarbat il-proċess ta' rijunifikazzjoni. (ara* **Dok. 33***). Il-Qorti Kostituzzjonali kienet ċara li biex tiġi esegwita s-sentenza tal-QEDB irid ikun hemm professjonisti mħarrġa f'dan is-suġġett.* ***L-Avukat tat-tfal anke tissuġġerixxi wkoll li jieqaf l-aċċess jiġifieri għall-avukat tat-tfal, is-sentenza tal-PA, tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali ma jfissru xejn.***

82. *Illi f'dan il-każ minkejja li l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat biex l-esperti u l-avukat tat-tfal jaħdmu flimkien, mhux talli ma ġarax, billi t-tfal instemgħu qabel jiġi kkonsultat min ilu jaħdem fuq il-każ, anzi issa l-avukat tat-tfal qed jiġi użat mill-omm biex tneħħi xi esperti li ilha tipprova tneħħi imma għal xejn f'diversi qrati. Skont diversi sentenzi tal-QEDB inkluża s-sentenza ta' dan il-każ odjern,* ***it-tfal jistgħu jinstemgħu imma mhux jiddeċiedu. Ir-rapport tas-16 ta' Mejju, 2022 imur direttament kontra para 127 tal-istess sentenza tal-QEDB tat-18 ta' Marzu, 2021 li suppost qed issir l-esekuzzjoni tagħha.***

83. *Illi di più mhux aċċettabbli li tfal li jkunu qed ibatu minn* parental alienation *jinstemgħu fil-bini tal-Qorti għax il-bini tal-Qorti mhux biss mhux adattat iżda l-assoċjazzjoni tiegħu mal-każ tkompli tagħmel ħsara psikoloġika fuq il-minuri. Hu ċar li l-Istat naqas milli jipprepara sew l-avukati tat-tfal u jipprovdi ambjent san fejn jinstemgħu l-istess tfal.*

***E5. Nuqqas ta' miżuri legali adekwati biex issir ir-rijunifikazzjoni u Kap. 602***

84. *Illi wara s-sentenza ta' Strasburgu, jidher ċar illi f'Malta m'hawnx l-istrutturi meħtieġa u lanqas il-qafas legali adattat biex ir-rikorrenti jkunu jisgħu jgawdu minn programm ta' rijunifikazzjoni fi żmien diċenti u biex id-Direttorat ikollu l-kapaċità legali biex jintervjeni u jieħu l-miżuri li hemm bżonn.*

85. *Illi Artikoli 10 sa 12 ta' Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi parti dwar kif id-Direttorat/*Child Protection *għandu jopera. Sfortunatament għal dan il-każ dawn il-provvedimenti ma jagħtux lid-Direttur tad-Direttorat li f'dan il-każ kien strumentali biex tiġi esegwita sentenza tal-QEDB il-*

*kapaċità legali li jintervjeni u jieħu deċiżjonijiet fil-ħin li jkun hemm bżonn.*

86. *Illi minħabba n-nuqqas ta' poteri legali mogħtija lid-Direttorat, id-Direttorat kellu u qed jiddependi kompletament fuq il-Qorti tal-Familja. Dan ifisser li bejn is-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2021 u tas-7 t'Awwissu, 2021, id-Direttorat ma seta' jagħmel xejn. Għal darb'oħra bejn is-17 t'Awwissu, u l-1 t'Ottubru, 2021, meta d-Direttorat iddeċieda li jmexxi t-tielet wild mingħand l-omm għal għand il-missier, kellhom jgħaddu 45 jum biex issir l-ordni għat-trasferiment. Is-sajf żmien ideali laħaq spiċċa. Dan kien żmien kollu mitluf li kien essenzjali biex il-programm jirnexxi.*

87. *Illi għal diversi drabi d-Direttorat intavola rapporti u suġġerimenti li f'każ bħal dan kienu jinħtieġu azzjoni immedjata iżda minħabba li kollox jiddependi fuq il-Qorti tal-Familja bil-limitazzjonijiet tagħha, il-proċess ta' rijunifikazzjoni spiċċa mfixkel.*

88. *Illi għalhekk in-nuqqas ta' qafas legali mogħti lill-organu tal-Istat, id-Direttorat taċ-*Child Protection, *f'każijiet ċivili, tellef il-proċess ta' rijunifikazzjoni ordnat mill-QEDB u fl-umli fehma tar-rikorrent qed iwassal għal ksur ta' Artikolu 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

89. *Illi di più ma jeżisti l-ebda mandat adattat f'Kap. 12 li bih wieħed jista' jinforza s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022 jew tad-Digrieti tal-Qorti tal-Familja favur it-terapija.*

90. *Illi dan il-punt ġie trattat minn sentenza tal-Qorti tal-Familja* Gertrude Dalli v John Mark Zammit *(rik. 26/2022/NC) deċiża fid-29 ta' Settembru, 2022 fejn f'każ simili ta' ordni ta' infurzar ta' terapija, l-Onorabbli Qorti waslet għal konklużjoni li l-mandat* in procinctu *taħt Artikolu 338G (Kap. 12) mhux adattat imma wieħed għandu juża l-mandat* in factum. *Il-Qorti qalet:*

Illi kkunsidrat dan l-obbligu li jitwettaq att personali mid-debitur, li f'dan il-każ kien l-intimat, kien jikkonsisti fil-fatt li jagħmel family therapy hekk kif imfassal miċ-ċentru Willingness. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li għall-azzjoni bħal din kien japplika l-mandat in factum u konsegwentement dan il-Mandat in procinctu mhux applikabbli għal dan il-każ. In vista ta' dan, il-Qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni tal-applikabilità ta' dan il-mandat mhux għar-raġuni 26/2022/NC 18 imqajma mill-intimat iżda minħabba li kien japplika l-mandat in factum.

91. *Illi l-użu tal-mandat* in factum *mhuwiex raġonevoli fil-każ odjern għax hemm biżgħa reali li jispiċċa trawma fuq l-istess minuri u jxekkel l-għan li għalih qed tipprova ssir ir-rijunifikazzjoni.*

92. *Illi għalhekk hu impossibbli li r-rikorrent juża wieħed mill-mandati eżistenti biex jinforza s-sentenza u d-digrieti msemmija fuq. Dan hu eżempju ċar ta' nuqqas ta' miżuri legali adegwati biex ir-rikorrenti jipproteġu d-drittijiet fundamentali tagħhom u n-nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

**F. *Il-bżonn ta' miżuri* ad interim**

92. *Illi l-għan ta' miżura proviżorja, hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu.*

93. *Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi* prima facie *fejn l-attur ikun irid jipprova li għandu każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu. F'dan ir-rigward issir referenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2016 fil-kawża fl-ismijiet Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs l-Onor. Prim Ministru et (Rikors Numru 50/2016/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti:* "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima face ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu."

94. *Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħall-provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2014 fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et (Rikors Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti:* "Illi l-miżuri proviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lill-vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ."

95. *Illi l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura interim hijiex mistħoqqa huwa spjegat fis-sentenza* HSBC Bank (Malta) plc vs l-Avukat tal-Istat et *(Rikors Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista tal-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista'*

*takkorda miżura provviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk:* "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju u dispożizzjoni tar-rikorrent.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ.

3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa lura għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.

4. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema". 10 [...] 4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]

5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju provviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali."

96. *Illi l-miżuri* ad interim *li jintalbu f'dan il-każ kollha jissodisfaw il-kriterji tas-suespost.*

1. *Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, ir-rimedji ordinarji li l-Qorti tinforza s-sentenzi tagħha intużaw u l-mandati ma japplikawx kif spjegat fuq. Huwa d-dover tal-Qorti tal-Familja li tesegwixxi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.*
2. *Dawn il-miżuri qed jintalbu bħala l-aħħar tentattiv sabiex jiġu esegwiti sentenzi eżekuttivi li diġà sabu ksur fundamentali tad-drittijiet tar-rikorrenti.*
3. *Il-ħsara serja, irrimedjabbli u f'ċerta sens irrevokabbli hi evidenti. Fil-każ tal-minuri l-kbir, b'leżjoni li ilha għaddejja sentejn deċiża mill-QEDB u li f'inqas minn tliet xhur l-istess minuri se jagħlaq 16-il sena. Fir-rigward tal-minuri ż-żgħar il-progress tajjeb li sar fl-2021 kważi se jispiċċa fix-xejn.*
4. *L-urġenza hi estrema u evidenti fid-dawl tas-suespost.*
5. *Dan il-każ hu każ eċċezzjonali fejn għandek sentenza tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali li fil-pern tagħhom għadhom mhux infurzati jew fejn ġew infurzati qed jitranġa* [sic!] *l-progress lura.*

97. *Illi f'dan il-każ odjern il-ġist tal-minuri* ad interim *huwa sabiex jitkompla l-proċess ta' terapija li waqaf prinċipalment minħabba li l-Onorabbli Qorti tal-Familja ma nfurzatx digrieti li tat hi stess, b'riżultat li l-esperti u d-Direttorat ma setgħux ikomplu. Mingħajr progress mat-tliet minuri li l-missier għandu relazzjoni magħhom, ma jistax isir xogħol mal-minuri l-kbir. L-esperti u d-Direttorat lesti li jkomplu jaħdmu iżda ma jistax ikun jitkompla l-insubordinament tal-omm.*

98. *Ill għalhekk hu essenzjali li d-Direttorat flimkien mal-esperti eżistenti jkomplu x-xogħol tajjeb u b'suċċess li kien qed isir sa April 2022. Huwa psikoloġikament mhux għaqli li jinġiebu esperti ġodda (jekk jeżistu) għax l-omm dejjem tattakka kull esperti li jkollhom suċċess bħal Carmen Sammut, Carmen Delicata, Karl Wright, Claire Francica, Steve Libreri, Ingrid Baldacchino, u ħaddiema oħra tad-Direttorat u b'esperti ġodda mhu se jissolva xejn. L-allegazzjonijiet, il-makkinazzjonijiet u l-manuvri legali intiżi biex jistultifikaw dan il-proċess m'għandhomx jirbħu fuq l-istat tad-dritt li Qorti tinforza d-deċiżjonijiet tagħha stess, fuq is-sens komun u fuq il-ġustizzja.*

**G. *Motivazzjoni għat-talbiet***

**G1. *Artikolu6***

99. *Illi l-leżjoni ta' Artikolu 6 jirriżulta primarjament mill-fatt li sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali* res judicata *u digrieti pożittivi tal-Qorti tal-Familja baqgħu ma ġewx infurzati b'riżultat li l-Qorti in kwistjoni rrendiet ruħha mhux effettiva u r-rikorrenti ingħataw rimedji li fis-sustanza baqgħu biss fuq il-karta.*

100. *Illi fl-istess nifs kif ġie nnotat mill-QEDB f'paragrafu 118, l-Onorabbli Qorti ħalliet lilha nfisha tkun mhedda mill-omm u l-qlajjiet kontra kull espert li kellu suċċess imma b'mod partikolari kontra Dr Claire Francica tħallew isiru daqs li kienu verità b'riżultat li d-Direttorat u l-esperti kellhom jintavolaw in-Nota tal-24 t'Ottubru fejn ma jistgħux ikomplu jaħdmu, mhux għax irriżenjaw imma għax ma jistgħux ikomplu jaħdmu.*

101. *Illi l-fatt li l-omm qed iġġib ruħha daqs li kieku kienet l-Istat, ifisser li r-rikorrenti fis-sustanza ma kellhomx aċċess għall-Qorti. Għal finijiet ta' eżekuzzjoni ta' drittijiet fundamentali ma tagħmel l-ebda differenza bejn li tmur il-Qorti, tirbaħ każ li jispiċċa mhux inforzabbli minħabba l-abbuż ta' persuni terzi, minn każ fejn wieħed m'għandux aċċess għall-Qorti.*

102. *Illi l-omm għandha d-drittijiet fundamentali tagħha u l-Qorti, f'dan il-każ il-Qorti tal-Familja għandha d-dmir li tiżen u tibbilanċja d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha.*

103. *Illi l-fatt li l-Qorti tal-Familja ma nfurzatx id-digriet tagħha stess minħabba allegazzjoni żvijanti li l-omm qed jiksrulha d-drittijiet fundamentali tagħha meta kienet l-istess Qorti Kostituzzjonali li kienet ċara li hemm bżonn dan il-proċess fl-umili fehma tar-rikorrent wassal għal ksur ta' Artikolu 6 u 8 fl-istess ħin.*

104. *Illi t-tieni punt dwar Artikolu 6, il-partijiet għandhom dritt ikunu jafu r-raġunijiet fuq liema kriterji l-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha. Digriet bħal* għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta *bħal fid-digriet tal-1 ta' Novembru, 2022 (Ara Dok. D2) ma jissodisfax il-kriterju ta' Artikolu 6. Fil-fatt, fuq dan is-suġġett il-Qrati għandhom ikunu motivati. Kif jista' l-esponent ikollu smigħ xieraq jekk ma jafx għaliex ir-rikors tiegħu jkun ġie miċħud. Illi għalkemm iċ-ċirkostanzi huma diversi, is-sostanza hija l-istess u ċioe l-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 2020 fis-sentenza* Nadia Vella u Christopher Craven vs l-Avukat Ġenerali *u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2020 illum Avukat tal-Istat, u Joseph Camilleri u dan tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollu (62/16JZM) qalet is-segwenti:* "**Hu essenzjali li digrieti ta' dik ix-xorta, li bħalhom jingħataw diversi waqt proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikunu motivati b'mod ċar. Il-partijiet għandhom dritt ikunu jafu r-raġuni li tkun waslet lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni bħal dik**. Kawżi ta' dik ix-xorta qegħdin jolqtu l-ħajja ta' kuljum ta' familji sħaħ u għalhekk iktar u iktar hemm bżonn ta' ċertezza." *(enfasi tal-esponent).*

***G2. Artikolu 8***

105. *Illi l-fatti dedotti fuq jikkonfermaw li l-istat ta' fatt ta' dak li diġà nstab li hemm vjolazzjoni ta' artikolu 8 tal-Konvenzjoni mill-PA fis-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2020 u tal-QEDB fit-18 ta' Marzu, 2021 baqa' jeżisti b'mod perfett fir-rigward tal-minuri l-kbir u minħabba s-suespost dak li sar b'mod partikolari wara Marzu 2022 jikkostitwixxi wkoll ksur ta' Artikolu 8 fil-konfront tat-tliet minuri żgħar u l-missier.*

***G3. Artikolu 13***

106. *Illi din il-lanjanza qed titqajjem għall-fatt sempliċi li r-rikorrenti għaddew sentejn b'ħafna rapporti, proċessi, digrieti, sentenzi u meta tagħsar x'sar, sar ftit jekk mhux xejn u fil-każ tal-minuri l-kbir ma sar xejn. L-Istat Malti spiċċa jiġġieled miegħu nnifsu. Id-Direttorat u l-esperti tiegħu stinkaw kemm felħu imma sabu li hemm qafas legali fqir jew non-eżistenti li mhux qed iħallihom jaħdmu. Id-Direttorat spiċċa għal kollox dipendenti fuq il-Qorti tal-Familja u f'każijiet bħall-każ odjern fejn wieħed irid jieħu azzjoni mill-ewwel, ir-riżultat huma l-fatti tal-każ odjern. Artikolu 10 sa 12 ta' Kap. 602 ma jagħtux il-fakoltà lid-Direttur*

*taċ-*Child Protection *jagħmel xogħlu fil-ħin minħabba n-nuqqas li fih u allura hemm dipendenza sħiħa fuq il-Qorti tal-Familja li trid tieħu deċiżjoni bla ma għandha l-għodod meħtieġa.*

107. *Illi l-omm tħalliet tuża l-organi tal-avukat tat-tfal u tal-pulizija u dana għas-sempliċi fatt li dawn l-organi mhumiex ippreparati biex jaħdmu f'każ bħal dan. Ir-rikorrenti spiċċaw iridu jirribattu* third party parental alienation *minħabba dan. Per eżempju l-pulizija ħadu l-minuri mingħand il-missier waqt sessjoni ta' terapija meta la kien hemm ordni mill-Qorti, la kien hemm perikolu ta' xejn anzi kienu jafu li hemm l-esperta tal-Qorti fuq il-post u fdaw it-tfal f'idejn l-omm bħal li kieku min jagħmel rapport dejjem ikollu raġun u imbagħad il-pulizija tal-għassa jfarfru fuq tad-DV u bil-maqlub. Fl-istess ħin l-esperti jirrakkomandaw li jittieħed il-mowbajl mingħand il-minuri għax qed jintuża ħażin u fl-istess ħin l-avukat tat-tfal tgħid li tfal għandhom jingħataw il-mowbajl jew addirittura tissuġġerixxi lill-Qorti tal-Familja biex twaqqaf l-aċċess tal-missier fir-rapport li ntavolat fil-Qorti tal-Familja (Ara Dok. 33). Dan kollu frott li l-organi tal-Istat mhux preparati sew u spiċċaw ifixklu lil xulxin.*

108. *Illi f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Familja ma jkollhiex direzzjoni kif se timplimenta s-sentenza tal-QEDB jew tagħti digrieti tajbin imma ma tinfurzax, jew ma timplimentax rakkomandazzjonijiet suġġeriti imma tibqa' ma ssibx soluzzjoni oħra, huwa kollu evidenza ċara li l-Istat Malti falla milli jsib rimedju adekwat.*

109. *Illi l-Avukat tal-Istat li għandu d-dover li jesegwixxi s-sentenza ta' Strasburgu, donnu jinsab mgħaffeġ bix-xogħol u mhux f'pożizzjoni li jara li l-istituzzjonijiet ta' Malta jiġifieri l-klijenti tiegħu jaħdmu biex tiġi esegwita sentenza u jekk ikun se jsir xi żball jintervjeni.*

110. *Illi l-Istat Malti donnu għadu ma fehemx il-bżonn li jkun hawn qafas legali biex jevita jekk ikun possibbli jew jiġġieled kontra każijiet ta'* parental alienation *ġenwini mingħajr ma l-organi tal-Istat jikkontribwixxu għal* third party alienation. *Għal dan il-każ, dan hu tard wisq u għalhekk ir-rikorrenti huma tal-umli opinjoni li saret vjolazzjoni ta' Artikolu 13 ukoll fil-konfront tagħhom.*

111. *Illi di più ma jeżisti l-ebda mezz adattat fil-proċedura nostrana li tgħin biex jiġu infurzati deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jew id-Digrieti tal-Familja. Is-sentenza ċitata fuq tal-Qorti tal-Famija* Gertrude Dalli v John Mark Zammit *(rik. 26/2022/NC) turi li m'hawnx mezzi legali li jinfurzaw dawn l-ordnijiet.*

112. *Illi minħabba s-suespost ir-rikorrenti huma tal-umli opinjoni li Qorti għandha ssib ksur ta' Artikolu 13.*

***G4. Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta***

113. *Illi qorti b'ġurisdizzjoni dwar drittijiet fundamentali tista' ssib vjolazzjoni ta' xi dritt jew jekk ikun hemm xi ħaġa fil-liġi li tmur kontra d-drittijiet fundamentali u sew jekk il-liġi ma tipprovdix sabiex jiġu salvagwardjati drittijiet fundamentali.*

114. *Illi l-QEDB fil-każ* Mizzi v Malta *(App. 26111/02) sabet ksur fid-drittijiet fundamentali, Artikoli 6 u 8 flimkien ma' Artikolu 14 minħabba nuqqas fil-liġi ċivili applikabbli għall-każ.*

115. *Illi fil-każ ieħor,* Brincat & Other v Malta *(App. 60908/11), il-QEDB sabet ksur ta' Artikoli 2 u 8 talli l-Istat Malti naqas milli jieħu azzjoni kontra l-asbestos u ddeċidiet li m'hemmx għalfejn wieħed jeżawrixxi r-rimedji ordinarji kollha.*

116. *Illi bl-istess mod Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari Artikoli 10 sa 12 naqsu biex jipprovdu ħalli d-Direttur tad-Direttorat tat-Tfal* (Child Protection) *ikun jista' jieħu azzjoni fil-ħin ħalli ssir rijunifikazzjoni fil-ħin bejn ir-rikorrenti.*

117. *Illi bl-istess mod Kap. 602 naqas milli jiċċara eżatt x'inhu r-rwol tal-avukat tat-tfal. Mhux ċar jekk l-avukat tat-tfal qiegħedx hemm biex jaqbeż għat-tfal, jew sabiex ikun* megaphone *tat-tfal jew hux espert ieħor fost esperti oħra tal-Qorti.*

118. *Illi di più, minbarra li Kap. 602 ma jipprovdix rwol ċar, lanqas jassigura t-taħriġ tal-istess avukat jew l-eżistenza reali li hawn diversi każijiet ġenwini affettwati b'*parental alienation *u allura naqas li jkun hemm mekkaniżmi biex jiġu ttrattati.*

119. *Illi bħal fil-każ ta' Brincat, l-istess mod ta' kif Malta naqset milli tirrikonoxxi l-ħsara li tikkawża l-asbestos, l-Istat Malti issa qiegħed jonqos milli jirrikonoxxi l-ħsara li tista' tiġi kkawżata b'*parental alienation.

120. *Illi fil-każ odjern, l-Istat Malti qed jirrikonoxxi l-ksur fundamentali li ilu sejjer minn snin qabel is-sentenza tal-QEDB ma sarx biss bi żball tal-partijiet/ġenituri imma sar minħabba n-nuqqas ta' qafas legali f'Malta biex tittratta din is-sitwazzjoni f'mument bikri. Il-*parental alienation *ma kinitx severa fl-2017 imma b'nuqqas ta' aċċess diċenti, nuqqas ta' infurzar, waslet biex sa ħames snin wara, mhux talli nkisru d-drittijiet fundamentali iżda talli ggravat u spiċċat severa. Illi kieku kien hawn qafas u struttura legali, dan il-każ kien jingħalaq fl-2018 u mhux kważi ħames snin wara, kawża wara kawża, (6 kawżi u iżjed kostituzzjonali), digriet wara digriet (iktar minn 250 digriet) f'ħames snin mill-Qorti tal-*

*Familja, u l-Istat Malti għadu jiġġieled miegħu innifsu bid-Direttorat jipprova jaħdem u l-organi l-oħra jaħdmu bil-maqlub.*

***Għalhekk in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qegħdin umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti:***

***Tagħti miżuri* ad interim *billi:***

1. ***Tisma' l-każ b'urġenza u bi speditezza stante li hemm diġà sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-QEDB li huma* res judicata *u li baqgħu mhux infurzati.***

2. ***Tordna li jiġu infurzati d-Digrieti tal-Qorti tal-Familja tad-9 ta' Mejju, 2022 u tal-20 ta' Lulju, 2022 sabiex it-terapija bejn il-ġenituri u t-tfal tkompli b'mod immedjat taħt is-superviżjoni tad-Direttorat tal-Ħarsien tat-Tfal u l-esperti nominati mill-qorti senjatament Karl Wright, Carmen Delicata u Claire Francica u oħrajn ħalli jkun jista' jitkompla l-programm ta' rijunifikazzjoni u tipprovdilhom l-għodda u l-protezzjoni legali biex ikomplu jaħdmu bla xkiel, bl-infurzar meħtieġ skont kif ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 2022 li minkejja li hi sentenza eżekuttiva baqa' ma sar xejn.***

3. ***Tordna li jsir pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir għar-rijunifikazzjoni ma' missieru u jitwettaq dak il-pjan kif kien ġie ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 2022, u li sal-preżentata ta' dan ir-rikors baqa' ma sar xejn.***

4. ***Tordna biex l-ismijiet jiġu anominazzati u d-dokumenti ma jiġux skenjati fl-ecourts in linea mad-deċiżjonijiet tal-Qrati preċedenti, inklużi l-QEDB, il-Qorti Kostituzzjonali u l-PA Sede Kostituzzjonali fil-proċess 656/21/RMG.***

***Talbiet Regolari***

1. ***Tiddikjara li hemm ksur ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali meta l-Onorabbli Qorti tal-Familja naqset milli tinforza d-digrieti tagħha li jipprovdu għat-terapija bejn il-ġenituri u l-ulied u tannulla d-digriet li mhux motivat tal-1 ta' Novembru, 2022.***
2. ***A) Tiddikjara li hemm ksur ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea talli fir-rigward tal-minuri l-kbir l-istat ta' fatt kif misjub mill-PA Sede Kostituzzjonali fis-26 ta' Novembru, 2020, mill-QEDB fit-18 ta' Marzu, 2022 u mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 2022 baqa' l-istess u ma nbidel xejn, u B) Tiddikjara li hemm ksur ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea talli fir-rigward tal-minuri ż-żgħar baqa' ma sar xejn minkejja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022.***

3. *Tiddikjara li hemm ksur ta' Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li l-Istat Malti għadu ma sabx soluzzjoni għar-rikorrenti minkejja s-sentenza tal-QEDB u fil-liġi Maltija ma jeżisti ebda mandat adekwat għal sitwazzjoni bħal din li r-rikorrenti jistgħu jagħmlu użu minnu u lanqas mezzi addatti fir-rigward tal-ġlieda kontra l-*parental alienation.

4. *Tiddikjara li Kap. 602 b'mod partikolari Artikoli 10 sa 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru artikolu 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana għaliex id-Direttur tal-Ħarsien tal-Protezzjoni tat-Tfal m'għandux il-poteri legali li jittratta każ dwar* severe parental alienation *fejn ikun hemm bżonn azzjonijiet urġenti u hu dipendenti l-ħin kollu fuq id-direzzjoni u l-istruzzjonijiet tal-Qorti tal-Familja.*

5. *Tipprovdi rimedji adekwati b'sostenn ta' monitoraġġ u għodda ħalli d-deċiżjonijiet tal-Qorti msemmija jkunu effettivi, effikaċi, infurzabbli u ma jibqgħux biss rimedju fuq il-karta.*

6. *Tillikwida d-danni favur ir-rikorrent missier u l-minuri individwalment talli l-istat ta' fatt u l-illegalità misjuba mill-QEDB fit-18 ta' Marzu, 2021 baqa' jippersisti sa llum u stante li saru vjolazzjonijiet ġodda li ma kinux koperti bid-deċiżjoni tal-QEDB .*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *ILLI, preliminarjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikors promotur huwa miżgħud b'dettalji superfluwi, bil-konsegwenza illi l-kawża u t-talbiet innifishom huma neboluži. L-isfond tal-ilment tar-rikorrenti, illi ġie spjegat f'mija u għoxrin (120) paragrafu, huwa tant wiesgħa illi l-esponent isibha diffiċli jifhem x'inhu l-iskop tal-kawża odjerna. Ir-rikorrenti għandhom jiġu ordnati,* ai termini *tal-Artikolu 159(2) tal-Kap. 12, sabiex jissostitwixxu r-rikors promutur ma' ieħor illi josserva d-dettami tal-Artikolu 159(1), bil-konsegwenza illi l-esponent jingħata l-fakoltà illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jinħass il-bżonn wara illi ssir tali sostituzzjoni;*

2. *ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in vista tal-fatt illi diversi mit-talbiet magħmula mir-rikorrenti fir-rikors promutur tagħhom jolqtu l-proċeduri illi hemm għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Familja (Rik. 165/17 AL), għandha tissejjaħ f'dawn il-proċeduri l-parti l-oħra fl-istess kawża, u ċioe G, u dan għal ġieħ l-integrità tal-ġudizzju;*

3. *ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn ir-rikorrenti jilmentaw minn deċiżjonijiet u azzjonijiet meħuda mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, l-Avukat tat-Tfal u, jew mill-membri tal-Korp tal-Pulizija, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur u ma jistax jirrispondi għal għemilhom, u dan* ai termini *tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ilmenti tar-rikorrenti huma intempestivi, stante li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja għadhom għaddejjin;*

5. *ILLI, assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar it-talba għal miżuri interim, fl-ewwel lok l-esponent ma jsib ebda oġġezzjoni illi l-proċeduri odjerni jiġu trattati bi speditezza u li l-ismijiet jiġu anonimizzati. Madankollu, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talba għall-miżuri numerati 2 u 3 mitluba mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' għar-raġunijiet segwenti:*

    a. *Fl-ewwel lok, din l-Onorabbli Qorti għandha tirreżisti talba għal* interim measure *fejn u meta r-rikorrenti jkollhom a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji, li f'dan il-każ huma fil-forma tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja. Ċertament hija l-Qorti tal-Familja illi hija kompetenti sabiex tagħti d-direzzjonijiet neċessarji sabiex l-esperti appuntati minnha stess u d-Direttorat iwettqu l-inkarigu tagħhom. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax taġixxi ta' Qorti tal-Familja;*
    b. *Fit-tieni lok, il-miżura numru 2 hija ambigwa għall-aħħar u assolutament ma huwiex ċar x'qed jitolbu r-rikorrenti;*
    c. *Fit-tielet lok, it-talbiet jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti ordnijiet illi ser jorbtu lil terzi illi ma humiex parteċipi f'dawn il-proċeduri, senjatament lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, filwaqt li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet ta' terzi li wkoll ma humiex parteċipi f'dawn il-proċeduri, senjatament lil E;*
    d. *Fir-raba' lok, safejn il-miżura numru 2 titlob lil din l-Onorabbli Qorti illi tordna lill-omm, u ċioe E, sabiex tissottometti ruħha għal terapija, l-esponent jagħrraf lil din l-Onorabbli Qorti illi, fil- preżent hemm proċeduri istitwiti mill-istess fejn qed jiġi allegat ksur tal- Artikolu 8 konvenzjonali, preċiżament għaliex hi tħoss illi ma għandhiex tiġi sfurzata toqgħod għal terapija (Rik. 503/2022GM,* G v. L-Avukat tal-Istat*);*

e. *Fil-ħames lok, il-Qorti tal-Familja diġà ordnat illi jitħejja pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir, u dan permezz ta' digriet tat-22 ta' Settembru, 2022;*

f. *Fis-sitt lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemm ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti* prima facie *u lanqas ma hemm prova, għall-anqas fuq bażi* prima facie, *ta' ħsara irrimedjabbli li tista' sseħħ jekk ma jingħatawx il-miżuri mitluba mir-rikorrenti. B'hekk ir-rekwiżiti sabiex jinħareġ* interim measure *ma humiex sodisfatti;*

6. *ILLI, assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati għas-segwenti raġunijiet illi qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

Dwar l-ilment taħt l-Artikolu 6 Konvenzjonali

7. *ILLI, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab magħmul abbażi tal-artikolu 6, jingħad illi sabiex id-dritt ta' smigħ xieraq jiġi ddikjarat li kien miksur, huwa xieraq li l-proċeduri jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ. Kull każ irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċi tiegħu;*

8. *ILLI, subordinatament, ir-rikorrenti m'għandhomx raġun fejn jgħidu illi s-sentenzi u digrieti tal-Qrati ta' Malta ma humiex jiġu infurzati, u dan kif ser jiġi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża;*

Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 8

9. *ILLI, jekk wieħed jagħsar ir-rikors promutur, jidher li dak li qed jallegaw ir-rikorrenti huwa li l-Istat naqas milli jaqdi l-obbligazzjonijiet pożittivi tiegħu sabiex jipproteġi d-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrenti, taħt l-Artikolu 8(1). Ir-rikorrenti m'għandhomx raġun jilmentaw taħt dan l-Artikolu Konvenzjonali;*

10. *ILLI, kif ser jiġi ppruvat ukoll matul it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, l-awtoritajiet involuti f'dan il-każ, partikolarment il-Qorti tal-Familja u d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, qed jagħmlu l-almu tagħhom sabiex issir ir-rijunifikazzjoni tal-missier ma' uliedu, u dan b'suċċess kbir. Fil-preżent, l-esponent jinsab infurmat illi tlieta minn erbgħa mill-minuri qed jabitaw regolarment mal-missier, meta sa qabel is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma kellu kważi ebda aċċess għalihom. Għalkemm saru diversi tentattivi mal-minuri l-kbir, dan tal-aħħar għandu diffikultajiet akbar minn ħutu u kwalunkwe tentattiv illi sar fil-konfront tiegħu sabiex jibni relazzjoni ma' missieru kien, sa issa, inutli. Dan ma jfissirx illi l-Istat b'xi mod qed jonqos fl-obbligazzonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 8 Konvenzjonali;*

Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 13

11. *Illi safejn ir-rikorrenti jilmentaw taħt l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-ilment huwa wkoll konċettwalment ħażin. Dawn il-proċeduri kostituzzjonali stess għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament ġew miksura lilhom xi drittijiet li huma mħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea;*

12. *Illi l-artikolu 13 ma jeżiġix xi proċedura patikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorità nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li tassew seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali. Fuq kollox imbagħad wieħed ma jridx jinsa li r-rikorrenti qegħdin iressqu ilmenti li huma mħarsa biss bil-Konvenzjoni Ewropea, b'dan għalhekk li huma ma jistgħux jippretendu illi azzjoni bħal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali;*

13. *Illi għaldaqstant, stante illi l-ewwel erba' talbiet ma hemmx lok illi jintlaqgħu, jirriżulta għalhekk illi lanqas it-talbiet numerati ħamsa u sitta għal rimedju ma għandhom jiġu akkordati minn din l-Onorabbli Qorti.*

***GĦALDAQSTANT**, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kif dedotti fir-rikors promutur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

2. Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2022, ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża ta' E, bi spejjeż għar-rikorrent, u ordnat li l-atti tal-kawża jkunu jirriflettu din il-bidla.

3. Rat ir-Risposta 'ulterjuri'[1] ppreżentata mill-imsejħa fil-kawża **E** [minn issa 'l quddiem 'l-imsejħa fil-kawża'] fil-15 ta' Novembru, 2023, fejn din eċċepiet illi:

*"Tesponi bir-rispett:*

*Illi kif indikat mid-digriet tas-17 t'Awwissu, 2023, l-esponenti għandha d-dritt illi tissolleva eċċezzjonijiet formalment ulterjuri.*

---

[1] Din hija l-unika risposta tal-imsejħa fil-kawża li tirriżulta mill-atti.

*Għaldaqstant biex iktar jiġi kkjarifikat il-punti li l-esponenti qiegħda tissoll eva, teċċepixxi ulterjorment:*

*3. Illi llum ir-rikorrenti IS m'għandux aktar interess ġuridiku stante illi bi ftehim illi għamel u ffirma huwa stess quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja u l- pendenzi li kien hemm dwar it-tfal ikkonkludihom għas-sodisfazzjon tiegħu. Dan il- kuntratt jekwivali għal sentenza.*

*4. Illi l-istess IS ma jistax jeżerċita l-azzjoni popolari għar-rigward ta' xi Dipartiment tal-Gvern, illi lanqas huwa fil-kawża u dan peress illi dan huwa vjetat mill-Kostituzzjoni fejn jidħlu* Human Rights. *Huwa wkoll vjetat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*5. Illi llum IS ma jeżawrixxex il-mezzi ordinarji stante li ċeda l-kawża minnu proposta.*

*6. Illi l-istess IS waqt ix-xhieda tiegħu afferma li għandu toroq oħra jekk ma tirnexxix il-kawża odjerna. Konsegwentement qed jgħid hu stess li għandu rimedji oħra naturalment ordinarji."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2024, din il-Qorti tat lill-partijiet il-fakoltà li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

5. Ir-rikorrent *pro et noe* istitwixxa l-proċeduri odjerni in segwitu għal proċeduri istitwiti minnu quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-QEDB'] app nru. 9410/20 li kienu deċiżi fit-18 ta' Marzu, 2021 fl-ismijiet **I.S. & Others *v* Malta**, fejn ġie ddikjarat li huwa ġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Minkejja l-imsemmija sentenza u t-

tentattivi li saru għall-infurzar tagħha, ir-rikorrent jgħid li l-ksur għall-jeddijiet fundamentali tiegħu għadu jippersisti sallum. Ir-rikorrent jgħid li dan il-ksur jirriżulta mill-fatt li għal perijodu ta' erba' snin, huwa ma kellu l-ebda kuntatt effettiv ma' uliedu, u l-leżjoni waqfet parzjalment meta sar infurzar parzjali tas-sentenza tal-QEDB fil-konfront tat-tliet uliedu ż-żgħar, iżda huwa xorta waħda ma kellu l-ebda kuntatt ma' ibnu l-kbir minkejja dak li ġie deċiż. Qal li l-fatt li f'dan il-każ hemm *severe parental alienation,* ġie kkonfermat b'diversi digrieti tal-Qorti tal-Familja u tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u bid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-18 ta' Marzu, 2021 u bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Marzu, 2022. Ir-rikorrent qal li uħud mil-leżjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għadhom jippersistu sal-lum, u hemm ir-rwol tal-Istat f'dan kollu minħabba n-nuqqas ta' rimedju effettiv għall-infurzar tas-sentenzi u tad-digrieti eżekuttivi tal-Qrati. Qal li konsegwenza ta' dan, il-programm ta' rijunifikazzjoni mibdi ma' uliedu minuri sfaxxa fix-xejn, hekk kif l-omm tħalliet tkompli bl-insubordinazzjoni tagħha, u kien hemm digrieti u sentenzi li ma setgħux jiġu eżegwiti minħabba fl-imġiba tal-omm. Ir-rikorrent qal li fis-sajf tal-2022, kien hemm digrieti tal-Qorti tal-Familja li ordnaw terapija għall-familja, iżda li dan il-programm ta' terapija baqa' ma ġiex segwit minħabba fl-imġiba tal-omm. Ir-rikorrent qal li l-QEDB sabet li kien hemm ksur kontinwat tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea'], u li dan il-ksur għadu għaddej, u fil-preżent hemm ukoll ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent qal li kemm is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dik tal-QEDB, waslu għall-istess konklużjoni, jiġifieri li l-Istat għandu jagħmel dak kollu possibbli sabiex ikun hemm ir-rijunifikazzjoni mal-missier. Kompla jgħid kif minkejja dan, baqa' ma sar xejn sabiex titkompla r-rijunifikazzjoni ma' ibnu l-kbir, u lanqas fir-rigward tal-minuri ż-żgħar ma sar xejn effettiv, għaliex l-

organi tal-Istat naqsu milli jimxu id f'id. Ir-rikorrent allega li minn dan kollu jirriżulta li fil-pajjiż m'hawnx l-istruttura meħtieġa u l-qafas legali adattat sabiex ir-rikorrent u uliedu jkunu jistgħu jibbenefikaw minn programm ta' rijunifikazzjoni, u l-artikoli 10 sa 12 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtux il-poter lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal li jintervjeni u jieħu deċiżjonijiet fil-ħin li hemm bżonn. Qal li d-Direttorat jiddependi fuq il-Qorti tal-Familja sabiex din tagħti direzzjoni, u l-liġi ma tipprovdi għall-ebda mandat li permezz tiegħu wieħed jista' jinforza s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali jew id-digrieti tal-Qorti tal-Familja favur it-terapija. Qal li dan jammonta għal ksur tal-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan in vista tal-fatt li huwa ma ngħata l-ebda rimedju effettiv, l-esperti maħtura mill-Qorti ma tħallewx jaħdmu, il-Qorti tal-Familja baqgħet tiġi mhedda mill-omm, u kien hemm istanza fejn il-Qorti ma spjegatx fuq liema bażi kienet qiegħda tifformula d-deċiżjoni tagħha. Qal li hemm ukoll ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, partikolarment wara li baqa' ma sar xejn biex ikun hemm rijunifikazzjoni ma' ibnu l-kbir. Ir-rikorrent allega li hemm ukoll ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex fil-fehma tiegħu, sentejn ta' digrieti, proċessi u rapporti ma ssarrfu f'xejn ta' sustanza, u l-Istat Malti bħal donnu ġġieled miegħu nnifsu. Qal li l-artikoli 10 sa 12 tal-Kap. 602 ma jippermettux lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal [minn issa 'il quddiem 'id-Direttur'] jagħmel ix-xogħol tiegħu fil-ħin, u d-Direttur xorta waħda jiddependi fuq il-Qorti tal-Familja fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu. Qal li l-Istat qiegħed iċaħħad lil persuni fis-sitwazzjoni tiegħu minn rimedju adegwat, u għalkemm fis-sena 2017, meta bdew il-problemi bejn il-partijiet, il-*parental alienation* ma kinitx severa, in-nuqqas ta' aċċess diċenti, in-nuqqas ta' infurzar, u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wasslu sabiex ħames snin wara, jista' jingħad li s-sitwazzjoni hija waħda severa.

6. Ir-rikorrent *pro et noe* talab lil din il-Qorti tagħti *interim measures* li permezz tagħhom tiġi indirizzata l-urġenza tat-talbiet tiegħu. Din it-talba ġiet irtirata minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, hekk kif tul il-kors tal-proċeduri odjerni, u bl-iżviluppi li seħħew bejn il-partijiet, dan l-element ta' urġenza naqas. Ir-rikorrent *pro et noe* talab lil din il-Qorti: (i) tiddikjara li ġew leżi l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; (ii) tiddikjara li hemm ksur tal-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni; (iii) tiddikjara li hemm ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea in vista tal-fatt li l-Istat Malti ma tah l-ebda soluzzjoni għas-sitwazzjoni li jinsab fiha; (iv) tiddikjara li l-Kap. 602, senjatament l-artikoli 10 sa 12 tiegħu, jiksru l-artikoli 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex id-Direttur m'għandux il-poteri legali jittratta każijiet ta' *severe parental alienation,* u jiddependi fuq l-interventi tal-Qorti tal-Familja fid-deċiżjonijiet li jrid jieħu; (v) talab ukoll għal rimedji adegwati b'sistemi ta' monitoraġġ, u għodda ħalli d-deċiżjonijiet tal-Qrati jkunu effettivi, effikaċi, infurzabbli u li ma jibqgħux biss fuq il-karta; (vi) kif ukoll talab li jiġu likwidati d-danni għal-leżjonijiet sofferti minnu.

7. Min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikors promotur tar-rikorrent huwa miżgħud b'dettalji superfluwi, u t-tul tar-rikors jirrendi l-kawżali u t-talbiet tiegħu nebolużi. Qal ukoll li huwa diffiċli li wieħed jifhem x'inhu l-iskop ta' din il-kawża. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li huwa mhux leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrent għaliex it-talbiet tiegħu qegħdin isiru fil-konfront tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, tal-Avukat tat-Tfal u tal-Pulizija, u għalhekk għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kap. 12. Żied jgħid li t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi għaliex għad hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-miżuri *interim* mitluba mir-rikorrent *pro et noe,*

għandhom jingħataw mill-Qorti tal-Familja, iżda fi kwalunkwe każ il-Qorti trid tikkunsidra li qegħdin isiru talbiet li jaffettwaw lil terzi; li hemm proċeduri separati mibdija mill-omm fejn din qiegħda titlob li ma tattendix għas-sessjonijiet ta' terapija; li l-Qorti tal-Familja diġà ordnat pjan ta' azzjoni fil-konfront tal-minuri l-kbir, u fi kwalunkwe każ ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li fil-każ odjern m'hemm l-ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, u qabel ma din il-Qorti tagħti deċiżjoni dwar din il-lanjanza, iridu jitqiesu l-proċeduri kollha bejn il-partijiet fit-totalità tagħhom. Qal ukoll li mhux minnu li s-sentenzi u d-digrieti li jingħataw mhumiex qegħdin jiġu infurzati. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li għandu jirriżulta li kemm il-Qorti tal-Familja kif ukoll id-Direttorat, qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom sabiex isseħħ ir-rijunifikazzjoni. Eċċepixxa wkoll li ma jirriżulta l-ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea in vista tal-fatt li dawn il-proċeduri għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li nkisrilhom xi jedd imħares taħt il-Konvenzjoni, u fi kwalunkwe każ, l-artikolu 13 ma jispeċifikax ir-rimedju kif għandu jingħata.

8. L-imsejħa fil-kawża G eċċepiet li r-rikorrent m'għandux aktar interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri, għaliex fil-frattemp ġie konkluż il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Eċċepiet ukoll li r- rikorrent ma jistax jittenta l-azzjoni popolari fir-rigward ta' dipartimenti tal- Gvern, u li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji għad- dispożizzjoni tiegħu. Qalet ukoll li r-rikorrent innifsu kkonferma li kellu toroq oħra għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jikseb ir-rimedju mixtieq.

**Provi u riżultanzi**

9. Flimkien mar-rikors promutur tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **I.S. & Others v Malta** (app. 9410/10) tat-18 ta' Marzu, 2021[2], fejn il-QEDB sabet li hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni; kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) Rikors 27/19 JVC tas-26 ta' Novembru, 2022[3], fejn din il-Qorti sabet ukoll li hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux l-anqas minħabba l-aljenazzjoni totali tat-tfal minn missierhom konsegwenza tad-deċiżjonijiet u nuqqas ta' azzjoni tal-Qorti, u fejn sabet ukoll li hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq; kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali rikors nru. 431/21 tas-7 ta' Marzu, 2022[4], fejn ġie ddikjarat li ma kinitx sodisfatta li l-paragrafu 4 tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-QEDB ġie eżegwit, u għalhekk iddeċidiet li fir-rigward tat-tliet itfal li magħhom ir-rikorrent għandu relazzjoni, għandhom jimxu bil-pjan ta' azzjoni b'dak it-tibdil meħtieġ sabiex tkompli u tissaħħaħ ir-relazzjoni, u jekk għadu possibbli u m'hemmx periklu li ssir ħsara lis-saħħa u l-iżvilupp tat-tifel il-kbir, isir pjan ta' azzjoni fil-konfront tiegħu għar-rijunifikazzjoni ma' missieru u jitwettaq dak il-pjan; kopja tan-nota tal-esperti tal-Qorti tal-Familja tal-24 ta' Ottubru, 2022[5]; kopja tal-*email* tal-esperti tal-Qorti tal-Familja li esprimew il-fehma tagħhom dwar kemm u sa fejn jistgħu jibqgħu involuti, in vista tal-fatt li omm il-minuri esprimiet nuqqas ta' fiduċja fix-xogħol tagħhom[6]; kopja tar-rikors ta' Dr Joe Brincat tal-avukat ta' omm il-minuri fl-atti tas-sentenza *res judicata* tat-28 ta' April, 2022[7], f'liema rikors saru allegazzjonijiet serji dwar *undue pressure*

---

[2] *A fol.* 27 tal-proċess.
[3] *A fol.* 46 tal-process.
[4] *A fol.* 87 tal-process.
[5] *A fol.* 96 tal-proċess.
[6] *A fol.* 98 tal-process.
[7] *A fol.* 100 tal-process.

eżerċitata fuq it-tfal minuri jew uħud minnhom, meta dawn kellhom l-aċċess mal-missier; kopja tad-digriet tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' Mejju, 2022[8]; kopja tas-sentenza *ad interim* tal-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali tas-16 ta' April, 2019[9], fejn qabel tat id-digriet tagħha, dik il-Qorti ddikjarat li r-rikorrent jista' jsofri ħsara irriparabbli jekk l-aċċess għall-ulied jibqa' sospiż, u riattivabbli biss skont ix-xewqat tal-minuri, f'ċirkostanzi fejn baqgħet ma ġietx spjegata l-aljenazzjoni tat-tfal fil-konfront ta' missierhom; kopja tal-verbal tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 t'April, 2021 fejn l-Avukat tal-Istat ċeda l-appell intavolat minnu[10]; kopja tan-nota tal-Aġenzija Appoġġ tal-10 ta' Diċembru, 2020, fejn ġie suġġerit li Dr Claire Francica u Karl Wright ikunu l-esperti tal-Qorti li jgħinu lid-Direttorat [11] ; kopja tad-digriet tal-31 ta' Lulju, 2020 fejn il-Qorti tal-Familja ddikjarat li għandha bżonn l-għajnuna tal-esperti[12]; kopja tal-verbal tal-Qorti tal-Familja tat-28 ta' Jannar, 2021 fejn ġew appuntati l-ewwel esperti li bis-saħħa tagħhom kemm il-ġenituri kif ukoll l-ulied kellhom jingħataw terapija[13]; kopja tar-rikors tal-21 ta' Ġunju, 2021, fir-rigward tal-programm ta' rijunifikazzjoni, u fejn għal darb'oħra l-Qorti ssuġġeriet pjan ta' terapija bil-għan li l-minuri kollha jkunu jistgħu jirrijunifikaw mal-missier, u sussegwentement jirritornaw għand l-omm mingħajr problemi [14] ; kopja tad-digriet tal-11 t'Awwissu, 2021 li ta bidu għall-programm ta' rijunifikazzjoni[15]; kopja tal-verbal tal-Qorti tal-Familja tal-1 ta' Ottubru, 2021 li permezz tiegħu beda l-programm ta' rijunifikazzjoni tat-tielet wild[16]; kopja tar-rikors tat-3 ta' Novembru, 2021 intavolat mir-rikorrent sabiex tiġi indirizzata l-problema tar-rijunifikazzjoni mal-

[8] *A fol.* 106 tal-proċess.
[9] *A fol.* 109 tal-proċess.
[10] *A fol.* 115 tal-proċess.
[11] *A fol.* 117 tal-proċess.
[12] *A fol.* 121 tal-proċess.
[13] *A fol.* 123 tal-proċess.
[14] *A fol.* 126 tal-proċess.
[15] *A fol.* 134 tal-proċess.
[16] *A fol.* 138 tal-proċess.

minuri l-kbir[17]; kopja tal-verbal tal-Qorti tal-Familja tal-11 ta' Novembru, 2021 li ta bidu għax-*shared parenting*[18]; kopja tal-verbal tal-Qorti tal-Familja tas-16 ta' Diċembru, 2021[19]; kopja tar-rapport/nota tal-esperti nkarigati mill-Qorti tal-Familja tal-25 ta' Jannar, 2022[20], fejn irrinunzjaw għall-inkarigu mogħti lilhom, u taw ir-raġunijiet għal dan; kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja tat-22 ta' Marzu, 2022[21]; kopja tar-rapport tal-esperti tal-Qorti tal-Familja tas-17 ta' April, 2022[22], fejn għal darb'oħra l-esperti innutaw diffikultajiet fl-imġiba tal-ulied minuri meta dawn ikunu kkustoditi mill-missier, u ssuġġerew pjan ta' azzjoni sabiex din l-imġiba tiġi indirizzata; kopja tal-verbal tal-Prim Awla dwar il-mandat ta' inibizzjoni tal-25 ta' Ottubru, 2022[23]; kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja tad-9 ta' Mejju, 2022 [24] ; kopja tan-nota tal-esperta Carmen Sammut tal-1 t'Awwissu, 2022[25]; kopja tar-rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal tas-27 ta' Mejju, 2022 [26] ; kopja tal-verbal tal-Qorti tal-Familja tat-13 ta' Lulju, 2022 [27] ; kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-20 ta' Lulju, 2020 dwar l-obbligu tal-ġenituri li jattendu għal sessjonijiet ta' terapija[28]; kopja tar-rikors ta' IS tat-3 t'Awwissu, 2022 dwar il-minuri l-kbir[29]; kopja tar-rikorsi tar- rikorrent tat-3 t'Awwissu, 2022 u tas-26 t'Awwissu, 2022, sabiex jitolbu l- infurzar tad-digriet tal-20 ta' Lulju, 2022 tal-Qorti tal-Familja u d-digrieti applikabbli tal-istess Qorti tat-23 ta' Settembru, 2022[30]; kopja ta' żewġ rikorsi oħra intavolati mir-rikorrent fid-29 ta' Settembru, 2022, li permezz tagħhom

---

[17] *A fol.* 140 tal-proċess.
[18] *A fol.* 144 tal-proċess.
[19] *A fol.* 147 tal-proċess.
[20] *A fol.* 150 tal-proċess.
[21] *A fol.* 158 tal-proċess.
[22] *A fol.* 164 tal-proċess.
[23] *A fol.* 169 tal-proċess.
[24] *A fol.* 171 tal-proċess.
[25] *A fol.* 174 tal-proċess.
[26] *A fol.* 179 tal-process.
[27] *A fol.* 182 tal-proċess.
[28] *A fol.* 184 tal-proċess.
[29] *A fol.* 186 tal-proċess.
[30] *A fol.* 189 *et seq.* tal-proċess.

talab lill-Qorti tal-Familja tinforza d-digrieti tagħha stess, kif ukoll id-digriet tal-1 ta' Novembru, 2022 li ma jinfurzahomx[31]; kopji ta' dokumenti annessi man-nota tal-esperta Carmen Sammut tal-1 t'Awwissu, 2022[32]; kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-1 ta' Novembru, 2022[33]; u kopja tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal tas-16 ta' Mejju, 2022[34], li jirrakkomanda l-waqfien tal-aċċess mal-missier.

10. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Mejju, 2023, xehed **Steve Libreri**, Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal[35], li spjega li fir-rwol tiegħu huwa jmexxi d-Direttorat li jassisti f'xogħol li għandu x'jaqsam mal-minuri. Qal li parti mill-funzjoni tad-Direttorat hija li jirċievi rapporti fuq abbużi fuq it-tfal u li jinvestiga dawn ir-rapporti, kif ukoll li jassisti lill-Qorti tal-Familja f'dak li jkun meħtieġ. Qal ukoll li jkun hemm istanzi fejn il-Qorti tal-Familja titlob lid-Direttorat jagħmel *assessments* dwar *suitability,* u fejn il-Qorti jkollha diffikultà sabiex tiddeċiedi bejn parti u oħra, u jkun hemm il-ħtieġa li jitqabbdu esperti sabiex jiddeċiedu min mill-partijiet ikun l-aktar idoneu biex iżomm lit-tfal, u tingħata assistenza lill-Qrati dwar dan ukoll. Ix-xhud qal li huwa familjari mad-dettalji tal-każ odjern, fejn ġie propost intervent ġdid magħruf bħala '*re-integration*', u minkejja li t-tfal bdew jgħidu li ma xtaqux kuntatt mal-missier, ġie preżunt li l-opinjoni tat-tfal ma kinitx espressjoni tal-fehma tagħhom, u għalhekk kien hemm proposta biex jinħatru numru ta' professjonisti mill-Qorti tal-Familja sabiex dawn iressqu lill-ulied minuri lejn missierhom. Qal li kien hu li kkoordina x-xogħol tal-professjonisti, sabiex il-pjan ta' trattament ikun unifikat u koerenti. Ix-xhud spjega li kien hemm żewġ istanzi partikolari fejn it-tentattiv biex it-tfal minn mal-omm jintbagħtu mal-missier, kien proċess li ħa ammont konsiderevoli ta'

[31] *A fol.* 196 tal-proċess.
[32] *A fol.* 204 tal-proċess.
[33] *A fol.* 208 tal-proċess.
[34] *A fol.* 210 tal-proċess.
[35] *A fol.* 253 tal-proċess.

sigħat, u dan minħabba r-reżistenza li wrew l-ulied minuri. Ix-xhud qal li d-Direttorat ipprovda għajnuna wkoll meta l-minuri kienu qegħdin fil-kustodja tal-missier għaliex kien hemm element ta' nuqqas ta' komunikazzjoni. Qal li meta l-Qorti tat ordni biex ikun hemm pjan ta' unifikazzjoni, kien hu li laqqa' lill-professjonisti li kienu ser ikunu inkarigati minn dan il-każ. Ix-xhud qal li sar ħafna xogħol mal-minuri l-kbir, li qatt ma mar jgħix fir-residenza ta' missieru. Żied jgħid li fil-bidu ttieħdet id-deċiżjoni li jkunu tnejn biss mill-ulied minuri li jmorru jgħixu fir-residenza tal-missier, u dan sabiex jiġi evitat l-*overwhelm,* u s-sitwazzjoni tkun aktar maniġġibbli. Qal li f'każijiet fejn il-Qorti tal-Familja ddum biex tagħti d-digrieti tagħha, id-Direttorat ma jkun jista' jagħmel xejn. Ix-xhud qal li kien ġie nnutat li meta twaqqaf il-perijodu ta' disgħin ġurnata residenza mal-missier, u l-ulied minuri ġew ritornati għand l-omm, il-progress li beda jiġi rreġistrat fil-minuri beda sejjer lura. Ix-xhud qal li minkejja li l-intenzjoni oriġinali kienet li l-minuri l-kbir jibda jiġi segwit mill-psikoterapista Karl Wright, dan baqa' jwebbes rasu u ma riedx imur ma' missieru, u għalhekk kien hemm deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu anke f'dan ir-rigward. Kompla jgħid li meta d-Direttorat ġie biex iċaqlaq lill-ulied minuri l-oħra, l-operazzjoni ma kienet faċli xejn, u l-ewwel darba li dawn inħarġu mid-dar tal-omm sabiex daħlu f'vettura li biha kellhom imorru għand il-missier, l-operazzjoni damet kważi seba' sigħat, u t-tieni darba li ġara dan, l-operazzjoni damet ħames sigħat. Ix-xhud spjega li din l-operazzjoni involviet li numru ta' professjonisti jpoġġu mat-tfal għal sigħat twal, f'ċirkostanzi fejn dawn bdew jirrifjutaw kollox, anki li jixorbu, u anki ġabu ruħhom b'mod vjolenti fil-konfront tal-professjonisti. Qal li huwa ħass li kellu jimxi b'mod differenti mal-minuri l-kbir għaliex dan kien diġà għalaq l-età ta' erbatax-il sena, u kien hemm riskju li jekk dan iġib ruħhu kif ġabu ruħhom ħutu fl-istess sitwazzjoni, dan ikun espost għal proċeduri kriminali. Qal li għalhekk id-Direttorat iddeċieda li mal-minuri l-kbir ma jistax ikun hemm l-istess intervent

li kien hemm ma' ħutu ż-żgħar. Qal li s-sitwazzjoni hija waħda fejn il-missier ġie kompletament ivvilifikat, u l-omm ġiet kompletament idolizzata, u dawn huma sintomi ta' *parental alientation* akuta. Ix-xhud qal li huwa ma jafx x'tip ta' assistenza jista' joffri d-Direttorat sabiex il-minuri l-kbir ikun jista' jifforma kuntatt ma' missieru.

11. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2023, xehdet **Ingrid Baldacchino**[36], li qalet li hija taħdem bħala *manager* tal-*unit* tas-servizz tal-qrati fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi għall-Ħarsien Soċjali, li spjegat li l-*unit* li hija tmexxi għandu l-funzjoni li jsegwi digrieti li jinħarġu mill-Qorti tal-Familja. Spjegat li l-*unit* ma jista' jagħmel xejn mingħajr ordni jew digriet tal-Qorti.

12. Permezz ta' nota tar-rikorrent *pro et noe* tas-6 ta' Lulju, 2023, ġie ippreżentat l-*affidavit* ta' Karl Wright[37], kif ukoll l-*affidavit* ta' Dr Claire Francica.[38] Il-psikoterapista **Karl Wright**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa ġie maħtur permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja fit-28 ta' Jannar, 2021 biex jingħaqad ma' tim ta' esperti magħmul minn Carmen Delicata u Ingrid Baldacchino, li sussegwentement ġiet mibdula minn Dr Claire Francica, fuq rakkomandazzjoni tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal. Qal li huwa kien il-psikoterapista oriġinarjament rakkomandat mid-Direttorat, u t-tliet professjonisti ġew appuntati mill-Qorti tal-Familja bħala tim ta' esperti. Qal li huwa jaħdem ħafna ma' koppji u familji bit-tfal, u fost ħafna xogħol terapewtiku ieħor, huwa ħadem f'każijiet ta' persuni maqbuda f'kunflitti bejniethom, u fuq każijiet ta' aljenazzjoni bejn il-ġenituri. Qal li l-fatt li kien hemm tliet psikoterapisti appuntati, ma kienx faċli u ppreżenta sfidi kbar, anki loġistiċi. Spjega li l-mod kif il-Qorti qassmet ix-xogħol li kellu jsir minnhom, m'għenx u xi drabi wassal biex ġie rinfurzat l-

[36] *A fol.* 274 tal-proċess.
[37] *A fol.* 293 tal-proċess.
[38] *A fol.* 295 tal-proċess.

i*splitting* bejn it-tfal u l-professjonisti. Semma kif darba minnhom Dr Francica ġiet inkarigata tmur waħedha fid-dar tal-missier u tintervjeni mat-tfal, filwaqt li f'każ ieħor huwa ntalab jintervjeni mat-tifel il-kbir. Kompla jgħid li darb'oħra, il-Qorti ddeċidiet li tisma' x-xhieda tat-tifel il-kbir u tagħtu priorità assoluta, filwaqt li talbet lill-esperti joħorġu 'l barra. Qal li dan affettwa l-moral tal-esperti, u saħħaħ il-pożizzjoni tat-tifel il-kbir, li kien diġà ġie osservat jimmanipula s-sistema. Spjega li kien hemm sitwazzjonijiet oħra li wasslu għal tfixkil, u kienu ta' theddida għall-ħidma tal-esperti mqabbda mill-Qorti. Fost l-oħrajn semma n-nomina tal-Avukat tat-Tfal, li dan ix-xhud qal li ġiet mgħarrfa mill-psikoterapisti dwar id-dinamika ta' manipulazzjoni min-naħa tal-omm, imma din għażlet li tinjora dan kompletament. Qal ukoll li meta l-Avukat tat-Tfal għamlet laqgħa mal-psikoterapisti, din kienet diġà ssottomettiet ir-rapport tagħha lill-Qorti. Ix-xhud qal li huwa seta' josserva li l-Qorti kienet dgħajfa quddiem l-attakki anki personali min-naħa tal-avukat difensur tal-imsejħa fil-kawża, u dan wassal biex kien hemm esperti li għażlu li jirtiraw mill-każ. Qal li huwa interessanti kif minkejja li dawn l-esperti qablu li d-dinamiċi ma kinux funzjonabbli, il-Qorti baqgħet iżżommhom ingaġġati, qalet li kellha fiduċja fihom, imma dan ma ssarrafx fil-fatti, u l-Qorti qatt ma imponiet multi u sanzjonijiet għad-disrispett u d-diżubbidjenza murija lejha. Qal li kien dan in-nuqqas ta' azzjoni li wassal biex it-tifel il-kbir spiċċa f'sitwazzjoni ta' ħsara irreparabbli, li mhux biss baqa' jirrifjuta li jiltaqa' ma' missieru, iżda beda wkoll idakkar lil ħutu minn pożizzjoni ta' parentifikazzjoni f'sistema disfunzjonali għall-aħħar. Qal ukoll li l-Qorti naqset milli tieħu deċiżjoni determinanti u konsistenti dwar il-minuri l-kbir, minkejja li kienet mgħarrfa bil-personalità u bl-istat ta' saħħa mentali tiegħu. Qal li l-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali (FSWS) għenet kemm setgħet fil-limitazzjonijiet tagħha. Qal li d-Direttur tad-Direttorat tas-Servizzi għall-Ħarsien tat-Tfal fassal skeda b'ħaddiema soċjali li eventwalment bdew iżuru lit-tfal fid-dar tal-missier,

minkejja l-limitazzjonijiet li dawn l-aġenziji għandhom, inkluż ir-riżorsi umani. Qal li dan apparti li l-professjonisti fl-FSWS kienu juru li m'għandhom l-ebda taħriġ speċjalizzat biex jinvestigaw każijiet ta' din il-portata. Finalment ix-xhud qal li każijiet bħal dawn jirrikjedu azzjoni f'waqtha u mingħajr dewmien, azzjoni determinata mill-Qorti, l-protezzjoni tal-esperti li għandha tingħata mill-Qorti li tkun ħatrithom, u t-trażżin min-naħa tal-Qorti ta' kull imġiba inaċċettabbli, irrispettivament minn fejn tkun ġejja.

13. Min-naħa tagħha **Dr Claire Francica** xehdet li hija ġiet maħtura bħala esperta permezz ta' digriet f'April 2021, fuq suġġeriment tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal. Qalet li hija psikoterapista eżistenzjali bil-*warrant,* u tipprattika psikoloġija fil-*counselling*. Qalet li għandha taħriġ speċjalizzat f'*parental alientation* u hija wkoll kandidata fil-psikoanaliżi tat-tfal, adoloxxenti u adulti. Ix-xhud qalet li hija ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti tal-Familja li r-relazzjoni bejn il-minuri u l-esperti tal-Qorti kienet tajba sa Novembru 2021, u din bdiet meta t-tfal iż-żgħar marru jgħixu mal-missier f'Awwissu 2021, bit-tielet wieħed jimxi għal għandu f'Ottubru 2021. Qalet li hija kienet preżenti għall-*handover* fil-garaxx tal-FSWS, u kienet telqet minn relazzjoni non-eżistenti, u kien għalhekk li l-*handover* ħa s-sigħat minkejja l-intervent ta' Steve Libreri u tat-tim tiegħu. Qalet li fl-ewwel ġimgħat jew xhur kien hemm bidu ta' relazzjoni bejn il-minuri u l-missier, imma wara Novembru l-progress naqas, u dan kien dovut għal diversi fatturi, fosthom ix-xhieda tal-minuri l-kbir, li fil-Qorti tal-Familja tħalla mill-esperti jiddeċiedi x'se jiġri, u b'hekk reġgħet nibtet tama fil-minuri l-oħra li jistgħu jkomplu jirriġettaw lil missierhom f'ħajjithom. Qalet li l-*alienating behaviours* f'dan il-każ huma severi, u kull mossa li tista' ġġibhom f'kunflitt, reġgħet nibbtet. Qalet li l-minuri l-kbir tħalla jgħid li jrid quddiem il-Qorti, u anki qal kliem dispreġattiv fil-konfront tagħha u ta' missieru, mingħajr ħadd mill-esperti ma seta' jiddefendi ruħhu.

Qalet li minkejja li kien sar ħafna progress, is-*shared parenting* beda kmieni wisq. Spjegat li l-omm taħseb li hija biss taf tieħu ħsieb lil uliedha, u minkejja li ż-żewġ ġenituri għandhom in-nuqqasijiet tagħhom, it-tnejn huma kapaċi jieħdu ħsieb uliedhom. Ix-xhud qalet li l-involviment tal-Avukat tat-Tfal ma għen xejn, u qalet li l-Avukat tat-Tfal maħtura f'dan il-każ hija nieqsa mit-taħriġ, u ma fehmitx il-kumplessità tal-*alienating behaviours* severi involuti. Qalet li dan deher ċar meta rriżulta li l-minuri kienu jafu bir-rakkomandazzjonijiet tal-esperti u b'dak li ġie propost minnhom, u dawn tħallew jgħidu x'jaħsbu fuq dawn is-sanzjonijiet. Qalet li dan ikkontribwixxa għall-ostilità u għal nuqqas ta' fiduċja u silenzju da parti tal-minuri fil-konfront tal-esperti. Qalet li ma' kull nota jew rapport intavolat mill-esperti, beda jaggrava l-aġir tat-tliet minuri fil-konfront tagħhom, ta' missierhom u tan-nanniet paterni, bir-riżultat li dawn ma felħux aktar għat-tensjoni u għad-diżrispett li bdew jintwerew. Qalet li r-rapport tal-kwestjonarju li sar minn wieħed mill-ulied u li ttella' quddiem il-Qorti, ma għen xejn. Spjegat li din hija reazzjoni komuni ta' meta wieħed mill-ulied jibda juri emozzjonijiet pożittivi lejn il-missier, li f'dan il-każ huwa l-ġenitur riġettat. Spjegat li dan il-wild jista' jkun li ħassu ttradut għaliex jaf li l-emozzjonijiet espressi fil-kwestjonarju jmorru kontra l-emozzjonijiet espressi min-naħa tal-omm, u qalet li rapport ta' dan it-tip l-aħjar li jingħataw lill-Qorti fis-sigriet. Ix-xhud qalet li l-avukat difensur tal-omm għamel minn kollox biex ifixkel il-proċess, u tappan l-isforzi tal-esperti biex jindirizzaw id-dinamika f'familja daqstant ostili. Qalet li l-professjonalità tagħha ġiet imkasbra anki quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn saħansitra ġie allegat li hemm familjarità bejnha u l-missier. Qalet li l-Qorti lilha ma offritilha l-ebda protezzjoni minn dawn l-attakki, u ħasset li minħabba f'hekk ma setgħetx tagħmel ix-xogħol tagħha sew. Ix-xhud qalet li l-avukat tal-mara tar-rikorrent ippreżenta *pen drive* b'xi reġistrazzjonijiet li ttieħdu mingħajr permess mill-*mobiles* tat-tfal waqt is-sessjonijiet li saru magħha. Qalet li l-minuri ġew orkestrati biex jirreġistraw dawn

is-sessjonijiet magħha mingħajr il-kunsens tagħha. Qalet li l-ulied minuri bdew jinterpretaw il-konsegwenzi li ngħataw minn missierhom għal ħsara kkaġunata minnhom fil-komun tal-binja fejn jgħixu jew fid-dar ta' missierhom, bħala abbuż tal-missier fil-konfront tagħhom, u l-Qorti baqgħet ma ħadet l-ebda azzjoni dwar dan. B'riferiment għar-rwol tal-Avukat tat-Tfal, ix-xhud qalet li din kellha tiddiskuti r-rapport tagħha mal-esperti, imma minflok għamlet laqgħa mal-esperti fejn infurmathom li jkun aħjar jekk huma jirriżenjaw mill-każ għaliex il-minuri ma jaħmluhomx. Ix-xhud qalet li l-Avukat tat-Tfal ħalliet ħafna ħsara u żergħet dubju fl-esperti l-oħra fil-konfront tagħha, meta hija kienet l-aktar esperta kkwalifikata f'dan il-qasam, u b'hekk hija kellha taħdem id-doppju biex tirbaħ il-fiduċja taż-żewġ esperti l-oħra. Ix-xhud tat dettalji dwar episodju li seħħ fid-dar tal-missier fl-24 t'April, 2022, fejn kien hemm intervent min-naħa tal-Pulizija, wara li l-omm allegat li kien hemm swat mill-missier, u dan waqt li hija kienet qiegħda tagħmel sessjoni ta' terapija mal-ulied. Qalet li l-Pulizija injoraw ix-xogħol li kien qiegħed isir minnha fuq ordni tal-Qorti. Qalet li meta hi u r-rikorrent marru d-Depot, huma sabu lit-tfal ma' ommhom, li kienet l-agħar ħaġa li setgħet issir. Qalet li l-Pulizija servew biex jipproteġu lill-omm, u hija spiċċat tkun imfixkla milli tagħmel ix-xogħol li ordnatilha tagħmel il-Qorti. Qalet li fid-*Domestic Violence Unit* m'hemmx ambjent san, u qalet li din hija l-agħar ħaġa li setgħet issir. Ix-xhud qalet li sabiex titwaqqaf din it-*triangulation* ta' vjolenza, ostilità u mibegħda, u biex il-minuri ma jibqgħux kompliċi f'dan l-aġir, kien hemm suġġeriment lill-Qorti tal-Familja, li jkun għaqli li l-Qorti tikkunsidra residenza alternattiva temporanja għall-erba' ulied, għaliex l-aġir tagħhom huwa inkwetanti ferm. Qalet li dan huwa kollu frott ħsara psikoloġika li qiegħda ssirilhom meta kienu mexjin 'il quddiem, u s-sessjoni li tellfu l-Pulizija kienet l-aħħar sessjoni li hija ppruvat tagħmel, għaliex wara dakinhar kien impossibbli għaliha li tkompli. Ix-xhud qalet li wara li l-Qorti tal-Familja semgħet lill-minuri l-

kbir, ittieħdet id-deċiżjoni mill-esperti li jieqfu, għaliex huma ħassew li kien sar impossibbli għalihom li jkomplu, iżda r-riżenja tagħhom ma ġietx milqugħha mill-Qorti. Qalet li wara li l-Qorti ħalliethom bil-mandat, u wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Marzu 2022, l-esperti għamlu kuraġġ u komplew, iżda t-tfixkil reġa' kompla kemm min-naħa tal-Pulizija kif ukoll min-naħa tal-Avukat tat-Tfal. Qalet li f'Lulju tal-2022, l-esperti ppreżentaw l-aħħar rapport, iżda meta raw li l-Qorti tal-Familja ma kinitx qiegħda tinforza d-digriet tagħha stess, huma ma setgħux ikomplu, u ppreżentaw nota f'dan is-sens. Ix-xhud qalet li għalkemm setgħu ġew imposti sanzjonijiet fuq l-omm u fuq il-minuri, sabiex dawn jattendu s-sessjonijiet mal-missier, baqa' ma sar xejn, u l-esperti l-oħra qatgħu qalbhom, u hija spiċċat waħedha. Qalet li l-esperti l-oħra beżgħu li jsiru fuqhom l-istess tip ta' attakki li kienu qegħdin isiru fuqha, u kien għalhekk li qatt ma sar xogħol mal-minuri l-kbir, għaliex il-pjan kien li l-ewwel intervent isir mal-minuri ż-żgħar, u wara jsir xogħol mal-kbir għaliex dan kellu sfidi akbar. Ix-xhud qalet li hija deluża dwar il-mod kif imxiet il-Qorti tal-Familja fuq każ delikat bħal dan, u qalet li hija kellha anki taħtar avukat ta' fiduċja tagħha sabiex jiddefendi l-interessi tagħha fl-isfera pubblika. Spjegat li fl-ebda waqt ma kien hemm protezzjoni jew azzjoni dixxiplinarja, u kien impossibbli li f'dan il-każ jiġi rreġistrat progress, u l-progress li laħaq ġie rreġistrat intilef wara xhur ta' interventi.

14. Permezz ta' nota ppreżentata mill-imsejħa fil-kawża fis-7 ta' Lulju, 2023, ġiet esebita kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.[39]

15. Ir-rikorrent **IS** ta d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat- 18 ta' Ottubru, 2023[40], fejn spjega li r-raġuni prinċipali għalfejn saret din il-kawża hija li fix-xhur qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri, kien qed ikun hemm diversi

---

[39] *A fol.* 308 tal-process.
[40] *A fol.* 342 tal-process.

tentattivi minn diversi organi tal-Istat, kif ukoll ordnijiet pożittivi tal-Qorti tal-Familja, li ma bdewx jiġu infurzati. Qal li min-naħa l-oħra kien hemm id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li beda jagħmel ix-xogħol tiegħu sewwa, iżda kien hemm aġenziji oħra tal-Istat Malti li ma kinux qegħdin jaħdmu fl-istess direzzjoni. Qal li kien hemm urġenza fil-mod kif kellhom jittieħdu ċerti deċiżjonijiet, iżda r-raġuni prinċipali għalfejn ġiet intavolata din il-kawża hija li l-Istat Malti baqa' m'għamel xejn fil-konfront tat-tifel il-kbir, u fil-fatt baqgħet ma saret l-ebda rikonċiljazzjoni bejn it-tifel il-kbir u missieru. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu l-organi tal-Istat ma intervjenewx biżżejjed, partikolarment wara l-episodju fejn sessjoni partikolari ta' terapija tħarbtet mill-Pulizija. Ix-xhud qal li kien hemm żewġ inċidenti partikolari li seħħew f'April tal-2022, ftit ġimgħat wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li ordnat l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu, fejn il-Qorti tal-Familja ddeċidiet li tappunta Avukat tat-Tfal, u din marret kompletament barra mill-mandat, u spiċċa nqala' battibekk bejn l-Avukat tat-Tfal u t-terapisti li kienu ilhom jagħmlu x-xogħol tagħhom għal sena sħiħa. Qal li kienet l-Avukat tat-Tfal li ssuġġeriet li għandu jieqaf l-aċċess, u dan fl-istess waqt li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kien qiegħed jissuġġerixxi li t-tfal għandhom jitneħħew minn mal-omm b'mod permanenti, u jintbagħtu mal-missier. Qal li quddiem din is-sitwazzjoni, l-Istat Malti kien rappreżentat minn żewġ organi li qegħdin jgħidu l-oppost ta' xulxin. Qal li kien hemm istanza oħra fejn it-tfal, permezz tal-omm, allegaw li saret vjolenza fuqhom, waqt sessjoni ta' terapija mmexxija minn esperta maħtura mill-Qorti, u dakinhar kienu marru l-Pulizija d-dar tiegħu, ħatfu lit-tfal mingħajr ma investigaw xejn, u ħaduhom id-*Domestic Violence Unit,* biex wara sagħtejn it-tfal reġgħu marru lura mal-missier. Qal li l-aġir tal-Pulizija xejn ma kien professjonali, u l-proċess ta' rijunifikazzjoni li ordnat il-Qorti tal-Familja spiċċa fil-mument li l-Pulizija ħatfu lit-tfal mingħandu. Qal li f'Lulju 2022, sar rapport b'diversi suġġerimenti dwar x'għandu jsir, fejn il-Qorti

tal-Familja anki ordnat sessjonijiet ta' terapija b'multi kbar jekk dawn ma jsirux, imma l-omm xorta waħda ddeċidiet li ma tattendix għal dawn is-sessjonijiet. Ir-rikorrent *pro et noe* qal li l-aħħar intervent mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sar f'Lulju tal-2022, u għalhekk għaddew sena u nofs mingħajr l-ebda intervent ta' xejn. Qal li fir-rigward tal-minuri l-kbir, is-sitwazzjoni baqgħet l-istess u ma sar xejn, filwaqt li l-proċess ta' rijunifikazzjoni tal-minuri ż-żgħar tħarbat wara li kien beda jiġi rreġistrat progress.

16. Ir-rikorrent *pro et nomine* ippreżenta nota fit-18 ta' Ottubru, 2023[41], fejn esebixxa kopja tal-komunikazzjoni ta' Malta lill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kawża 9410/20, u komunikazzjoni tal-applikant fil-kawża 9410/20 lill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa datata 16 ta' Novembru, 2022.

17. Il-kontro-eżami tar-rikorrent sar waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2024[42], fejn ir-rikorrent ikkonferma li qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, saru diversi laqgħat informali li eventwalment wasslu għall-iffirmar tal-kuntratt. Qal li kien hemm kwistjonijiet dwar il-minuri l-kbir, li però baqgħu pendenti u li ma ġewx indirizzati fil-kuntratt ta' separazzjoni. Ir-rikorrent qal li min-naħa tiegħu istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex il-kwistjoni tat-tifel il-kbir tiġi risolta, u fil-preżent hemm il-proċess tal-medjazzjoni li għadu ma ngħalaqx.

18. L-imsejħa fil-kawża **E** ippreżentat l-*affidavit* tagħha permezz ta' nota fis-7 ta' Frar, 2024[43], fejn spjegat li huwa minnu li qabel infetħu l-proċeduri odjerni mir-rikorrent, ingħataw diversi ordnijiet mill-Qorti tal-

[41] *A fol.* 358 tal-proċess.
[42] *A fol.* 408 tal-proċess.
[43] *A fol.* 413 tal-proċess.

Familja li ma bdewx jiġu infurzati. Qalet li l-Qorti talbet li tisma' lil wieħed mill-ulied minuri tal-koppja, iżda r-rikorrent *pro et noe* ddeċieda li jisfida l-ordni tal-Qorti, u ma jtellax lil ibnu jixhed, u minflok deher ir-rikorrent *pro et noe* quddiem il-Qorti, u beda jallega li l-Qorti mhijiex kompetenti. Qalet li minkejja li l-Qorti qalet li huwa dritt tat-tifel li jinstema', it-tifel baqa' ma nstemax. L-imsejħa fil-kawża allegat li l-Avukat tat-Tfal sabet diversi nuqqasijiet fil-missier, fosthom li huwa mhuwiex kapaċi jagħmel *therapeutic parenting,* m'għandux *parenting skills,* m'għandux empatija, kien irriġetta lit-tfal, u kien hemm *parental estrangement.* Qalet li mhuwiex minnu li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal għamel ix-xogħol tiegħu sew, kif allega r-rikorrent, u minflok kien hemm snin ta' trattament fiżiku u mentali ħażin fil-konfront ta' uliedha. Kompliet tgħid li kien hemm każ ta' ħtif tat-tfal mingħandha, u hija kienet għamlet madwar tliet xhur ma tafx fejn marru jgħixu uliedha ma' missierhom. Qalet ukoll li r-rikorrent kien ikun mgħarraf minn qabel bis-*'surprise visits'* li kienu ser isiru għandu, u kien jieħu l-prekawzjoni li jimla l-friġġ bl-ikel. Qalet li uħud mill-viżti saru eżatt kif telqet is-seftura mid-dar tal-missier. Qalet ukoll li f'waħda mis-seduti quddiem il-Qorti tal-Familja, l-avukat difensur tagħha kien informa lill-Qorti li wieħed mill-ulied minuri ġie ttrattat agħar minn annimal, u l-Qorti kienet wieġbet li hija ma ordnat l-ebda vjolenza. Qalet li kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Qorti Ewropea qalu li ma għandha tintuża l-ebda forza fuq it-tfal, għaliex din tikkawżalhom problemi, imma kemm it-terapisti kif ukoll l-FSWS, injoraw dan. B'riferiment għal dak li qal ir-rikorrent dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-minuri l-kbir tal-koppja, l-imsejħa fil-kawża qalet li dwaru ma jista' jsir xejn, kif xehdu u kkonfermaw anki l-esperti maħtura mill-Qorti, li lkoll qablu li mhux fl-aħjar interess tat-tifel li jkun hemm rijunifikazzjoni ma' missieru. Qalet li anki l-Qorti Ewropea qalet li dan għandu jsir biss jekk inhu possibbli. Spjegat li wara li l-ulied ittieħdu mal-missier bil-forza, l-affarijiet qatt ma tranġaw, u waħda mill-esperti

maħtura mill-Qorti stess ikkonfermat li l-missier m'għandux *bond* mal-minuri. B'riferiment għall-episodju fejn allegatament sessjoni ta' terapija tħarbtet mill-Pulizija, l-imsejħa fil-kawża qalet li s-sessjoni ma' Claire Francica kellha ssir f'post barra mid-dar, imma t-tfal la riedu jilbsu u lanqas joħorġu barra l-appartament ta' missierhom, u kien għalhekk li l-missier qabad lil wieħed minn uliedu minn għonqu, u pprova jerfgħu. Qalet li kienet hija li ċemplet lill-Pulizija wara li wieħed minn uliedha infurmaha b'dak li kien ġara, u dan kollu kien seħħ fl-assenza ta' Claire Francica. Ix-xhud allegat li Claire Francica imponiet li tipprovdi s-servizzi tagħha, u dan meta uliedha ma ridux jiltaqgħu magħha. Qalet ukoll li t-terapista għandha l-obbligu li twaqqaf is-servizz tagħha fejn klijent juri li mhuwiex komdu magħha. Qalet li minkejja l-iskumdità tagħha u ta' uliedha, il-Qorti insistiet li Claire Francica tibqa' t-terapista fil-każ. Qalet li dan kollu wassal biex uliedha llum tilfu l-fiduċja fit-terapisti kollha u fl-awtoritajiet. Qalet ukoll li mhux minnu li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal qal li t-tfal għandhom jitneħħew minn magħha b'mod permanenti. Allegat ukoll li mhux minnu li hija rrifjutat li tattendi għal sessjonijiet ta' terapija, u qalet li kien hemm istanzi fejn kien ir-rikorrent li rrifjuta li jattendi għal sessjonijiet ta' terapija ordnati lilu. Hawnhekk l-imsejħa fil-kawża allegat li t-terapija ta' uliedha ma' Claire Francica kienet ilha li waqfet, kemm għaliex it-tfal irrifjutaw li jattendu għal din it-terapija, kif ukoll għaliex dawn is-sessjonijiet ma kienu terapija xejn, imma konfoffa bejn ir-rikorrent u Claire Francica biex jiddiskutu x'kien ser jingħad lill-Qorti.

19. Il-kontro-eżami tal-imsejħa fil-kawża sar waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2024.[44] L-imsejħa fil-kawża qalet li saru żewġ rapporti lill-Pulizija, wieħed li kien ilu sentejn għan-notifika, u ieħor fejn l-ispettura kienet widdbitha biex ma tirrekordjahiex, u hedditha li tieħdilha t-tfal. Ix-xhud qalet li hija kellha r-riservi

[46] *A fol.* 457 tal-process.

tagħha dwar it-terapista Claire Francica, imma minkejja dan xorta waħda aċċettat li tattendi għal sessjonijiet ta' terapija magħha. Qalet ukoll li minkejja li t-tfal attendew għat-terapija, din ma ħadmitx, u t-tfal imorru għand il-missier biss għaliex dan iwiddibhom li jekk ma jmorrux, lil ommhom ma jarawhiex iżjed. Ix-xhud qalet li waħda mill-esperti inkarigati mill-Qorti stess, irrimarkat li l-missier ma kellu l-ebda *bond* ma' uliedu, imma dan qiegħed jippretendi li din il-*bond* tinbena issa li hemm is-separazzjoni. Qalet li fil-preżent uliedha m'huma jirċievu l-ebda terapija, u m'hemm l-ebda ordni tal-Qorti li tgħid li dawn għandhom jattendu għat-terapija.

20. L-intimat Avukat tal-Istat ressaq rikors fil-21 ta' Marzu, 2024, fejn spjega li sabiex din il-Qorti jkollha sfond aħjar tar-riżultanzi kollha li wasslu għal dawn il-proċeduri, hemm il-ħtieġa li jiġu allegati l-atti tar-rikorsi numru 163/2017, 163/2017/1, u 163/2017/2 fl-ismijiet **IS *vs.* E.**[45] Il- Qorti laqgħet din it-talba permezz tad-digriet mogħti minnha fis-7 ta' Mejju, 2024.[46]

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

21. Din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat, kif ukoll mill-imsejħa fil-kawża. Qabel xejn il-Qorti tirrileva li minkejja li l-imsejħa fil-kawża tagħmel riferiment għar-'risposta ulterjuri' tagħha, fil-verità hija ma ppreżentat l-ebda risposta, għajr għar-risposta ulterjuri li ġiet awtorizzata tippreżenta minn din il-Qorti. L-imsejħa fil-kawża tgħid li r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jipproponi dawn il-proċeduri, għaliex fil-frattemp ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni

[45] *A fol.* 445 tal-proċess.

[46] *A fol.* 457 tal-proċess.

personali bejn il-partijiet, liema kuntratt l-imsejħa fil-kawża teċċepixxi li sar għas-sodisfazzjon tar-rikorrent. Il-Qorti tirrileva li dawn huma proċeduri ta' natura kostituzzjonali, fejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu min-naħa tal-organi tal-Istat, li kienu obbligati jeżegwixxu deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Qrati Maltin, iżda naqsu milli jagħmlu dan minħabba nuqqasijiet varji. Safejn il-lanjanza tiegħu hija dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali, il-Qorti tirrileva li r-rikorrent Prof IS kellu u għad għandu, l-interess ġuridiku meħtieġ f'dawn il-proċeduri, hekk kif huma biss proċeduri quddiem din il-qorti li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent. L- iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, kien biss pass wieħed minn sensiela ta' proċeduri li kellhom isiru sabiex mhux biss tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet, jew sabiex tiġi regolata s-separazzjoni tal-assi li r-rikorrent u l-imsejħa fil-kawża kellhom bejniethom, imma anki sabiex ikun hemm eżitu darba għal dejjem dwar diversi aspetti oħra tal-ħajja familjari tagħhom, inkluż fejn tidħol ir-relazzjoni tal-ġenituri mal-ulied minuri tagħhom. Dwar dan l-aspett, il-kuntratt ta' separazzjoni personali ma jgħid xejn, u l-partijiet kellhom jirrikorru għal proċeduri separati, partikolarment sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-*parental alienation* li jilmenta minnha r-rikorrent *pro et nomine*. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imsejħa fil-kawża qiegħda tiġi miċħuda.

22. Il-Qorti tirrileva wkoll li, għal xi raġuni, l-imsejħa fil-kawża tagħmel riferiment għal 'azzjoni popolari', li tgħid li r-rikorrent qiegħed jeżerċita fil-konfront ta' dipartiment tal-Gvern, u qalet li azzjoni bħal din hija vvjetata kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti tirrileva li l-azzjoni odjerna ġiet proposta mir-rikorrent *pro et nomine* għaliex

huwa l-persuna direttament milqut mill-fatt li l-organi tal-Istat Malti m'għandhom l-ebda sistema effettiva fis-seħħ sabiex tassigura li każijiet ta' *severe parental alienation* bħal dik li tirriżulta fil-proċeduri odjerni, jiġu ndirizzati b'riżorsi adegwati u f'sistema li taħdem b'mod konsistenti u koordinat fl-interess tal-partijiet kollha involuti. L-azzjoni odjerna mhijiex l-azzjoni popolari, iżda hija azzjoni proposta minn missier li qiegħed jinsisti li l-jeddijiet fundamentali tiegħu li jingħata smigħ xieraq u li jgawdi l-ħajja familjari tiegħu, ġew allegatament miksura minħabba t-trattament li ngħata mill-organi tal-Istat Malti. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda wkoll.

23. Il-Qorti lanqas ma ssib li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u dan għaliex m'hemm l-ebda qorti u l-ebda forum ieħor li jista' jindirizza lanjanzi dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' individwu, kif allegat mir-rikorrent *pro et nomine*. L-azzjoni proposta mir-rikorrent *pro et nomine* hija intiża biex tħares il-jeddijiet fundamentali tiegħu, u din il-Qorti jidhrilha li lanjanza simili ma setgħet titressaq quddiem l-ebda qorti oħra, jekk mhux qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Il-Qorti tqis li r-rikorrent *pro et nomine* m'għandux rimedji oħra għad-dispożizzjoni tiegħu, mhux kif tallega l-imsejħa fil-kawża, partikolarment meta wieħed iqis in-natura tat-talbiet tiegħu. Il-Qorti tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jagħtu lil din il-Qorti ġurisdizzjoni oriġinali sabiex tisma' ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti permezz ta' dak l-Att, li huma ċari u ma jagħtu ebda ġurisdizzjoni residwa jew xort'oħra lil xi qorti jew tribunal ieħor sabiex jiġu ttrattati ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Fil-każ odjern, dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent hija dikjarazzjoni li l-jeddijiet fundamentali

tiegħu kif protetti bil-Konvenzjoni Ewropea ġew miksura, u qiegħed jitlob għal rimedju għal dan il-ksur.

24. L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li in vista tad-dettalji żejda mogħtija mir-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu, il-kawżali u t-talbiet innifishom huma nebolużi, u kien ferm diffiċli għalih li jifhem x'inhu l-iskop tal-proċeduri odjerni. Kif qal ir-rikorrent fin-nota spjegattiva tiegħu, u anki fis-sottomissjonijiet li għamel, ir-raġuni għalfejn ir-rikorrent ta ħafna dettalji fir-rikors promutur imressaq minnu, kienu is-snin twal ta' litiġazzjoni bejn il-partijiet quddiem qrati differenti, li wasslu għal ħafna rikorsi, risposti, digrieti u deċiżjonijiet tal-Qrati, fosthom dawk maħsuba biex jirregolaw ir-relazzjoni tal-missier mal-ulied minuri tiegħu. Ir-rikorrent istitwixxa il-proċeduri odjerni għaliex huwa qatt ma kellu kuntatt ma' ibnu l-kbir, minkejja d-deċiżjonijiet tal-QEDB u tal-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll għaliex minkejja l-fatt li kien beda programm ta' rijunifikazzjoni mat-tliet ulied minuri ż-żgħar, kwalsiasi progress irreġistrat f'dan ir-rigward ġie stultifikat minħabba nuqqasijiet fil-mod kif jaħdmu jew ma jaħdmux l-organi tal-Istat, u dan huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti ma kien hemm xejn superfluwu fid-dettalji mogħtija mir-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu, u l-livell ta' dettall mogħti kien meħtieġ, partikolarment fi stadju fejn ma kienet għadha saret l-ebda talba għall-allegazzjoni tal-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, sabiex din il-Qorti setgħet tifhem x'kien li wassal għat-talbiet imressqa mir-rikorrent, u għal liema raġuni dan qiegħed jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu fil-proċeduri odjerni.

25. B'riferiment għat-tielet eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat, li huwa mhux leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti

tirrileva li l-ilment tar-rikorrent mhuwiex marbut ma' xi aġir partikolari jew ma' xi nuqqas imwettaq minn xi dipartiment, direttorat jew aġenzija tal-Gvern, iżda huwa marbut mal-mod kif inhi mfassla l-liġi, li qiegħda taħdem b'tali mod li d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja sabiex ikun jista' jipproċedi, u dan minkejja esiġenzi u proċeduri ta' natura urġenti li jistgħu jinqalgħu, u li jkunu jirrikjedu intervent kemm jista' jkun immedjat, partikolarment fejn ikunu involuti l-benesseri u s-saħħa tal-minuri. Ir-rikorrent *pro et noe* jilmenta wkoll li hemm organi tal-Istat li qegħdin jaħdmu kontra xulxin, u għalhekk ir-riżultat aħħari qed ikun wieħed konfużjonarju, u li jħalli impatt negattiv fuq il-ħajja tal-persuni nvoluti. Eżempju ċar ta' dan huwa l-mod kif l-Avukat tat-Tfal saħqet li jkun ta' ġid għall-ulied minuri li ma jibqgħux jgħixu mal-missier, u dan fl-istess żmien meta l-psikoterapisti esperti maħtura mill-Qorti kienu pproponew kors ta' azzjoni differenti għall-aħħar, bi tlieta mill-erba' ulied jittieħdu mill-kustodja tal-omm sabiex iqattgħu żmien jgħixu ma' missierhom, naturalment għaliex l-esperti inkarigati mill-Qorti dehrilhom li dan ikun fl-aħjar interess tal-minuri. Huwa dan li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent, u mhux l-aġir jew in-nuqqas speċifiku ta' xi organu tal-Istat jew ieħor. Għal dawn in-nuqqasijiet istituzzjonali fil-liġi, huwa l-intimat Avukat tal-Istat li għandu iwieġeb, u l-ebda entità oħra, u għalhekk għandu jirriżulta li l-intimat Avukat tal-Istat fil-fatt huwa leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni.

26. Il-Qorti tqis m'għandux raġun l-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li dawn il-proċeduri huma intempestivi, in vista tal-fatt li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja għadhom pendenti, u dan għaliex bir-rikors promutur tiegħu, ir-rikorrent *pro et noe* mhux qiegħed jittenta jibdel xi ħaġa fil-mod kif ġiet regolata s-separazzjoni tiegħu minn mal-parti l-oħra fiż-żwieġ, u m'hemm l-ebda talba li għandha jew li tista' tiġi indirizzata mill-Qorti tal-Familja. L-ilment tar-rikorrent

*pro et nomine* ġej mill-fatt li huwa jħossu milqut negattivament bid-dewmien jew b'dak li bl-Ingliż jissejjaħ *toing and froing* mill-Qorti tal-Familja għad-dipartimenti mmexxija mill-organi tal-Istat, li wassal għal telf ta' ħin prezzjuż u għal dewmien biex jittieħdu deċiżjonijiet f'waqqithom li setgħu jgħinu r-relazzjoni tiegħu ma' uliedu. Il-kuntratt tas-separazzjoni tar-rikorrent mal-imsejħa fil-kawża, bl-ebda mod ma jirregola jew jindirizza l-problema tas-*severe parental alienation* li r-rikorrent *pro et nomine* jallega li jinsab għaddej minnha, u dan f'ċirkostanzi fejn l-Istat Malti m'għandux liġi li permezz tagħha jistgħu jiġu infurzati ċerti deċiżjonijiet tal-Qrati sabiex jiġi evitat li tinħoloq sitwazzjoni ta' aljenazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied, u lanqas m'għandu proċedura jew nies imħarrġa sabiex jipprovdu l-assistenza lill-individwi li jkunu għaddejjin minn sitwazzjonijiet simili.

27. Safejn il-ħames eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat hija maħsuba sabiex tolqot it-talba tar-rikorrent għal *interim measures,* din il-kwistjoni ġiet sorvolata, għaliex ir-rikorrent *pro et noe* fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, spjega li l-urġenza li oriġinarjament li kien hemm għal miżuri *interim,* m'għadhiex hemm jew ġiet sorvolata mill-fatti u ċ-ċirkostanzi li seħħew.

28. L-intimat Avukat tal-Istat jgħid li fil-każ odjern m'hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent *pro et noe* kif imħarsa bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Qal li sabiex jiġi deċiż jekk hemmx ksur f'dan ir-rigward, il-proċeduri jridu jiġu analizzati b'mod sħiħ, u mhux jitqiesu biss episodji jew proċeduri speċifiċi li seħħew. L-intimat Avukat tal-Istat jgħid li mhuwiex minnu li kien hemm digrieti jew deċiżjonijiet tal-Qrati li ma ġewx, jew li ma jistgħux jiġu infurzati. Jgħid li f'dan il-każ ġie propost pjan ta' azzjoni li jintbagħat ta' kull sena mill- Avukat tal-Istat lill-QEDB, u anki l-Qorti tal-Familja ħejjiet pjan ta' azzjoni u ħeġġet lill-partijiet josservawh u jimxu miegħu. L-Avukat tal-Istat

jikkontendi li r-rikorrent dejjem ingħata l-fakultà li jsemma' leħnu, u fil-fatt kien fil-libertà li jressaq dawn il-proċeduri, imma r-rikorrent irid japprezza wkoll li l-Qorti dejjem aġixxiet fl-interess suprem tal-ulied minuri, u ma setgħu jittieħdu l-ebda riskji għaliex il-benesseri fiżiku u mentali tal-ulied minuri huwa suprem.

29. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jispeċifika illi:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interess tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

30. Ir-rikorrent *pro et noe* jgħid li huwa ġie mċaħħad minn smigħ xieraq, għaliex kien hemm sentenzi u deċiżjonijiet finali tal-Qrati tagħna jew tal-QEDB li ma ġewx infurzati, għaliex l-imsejħa fil-kawża allegatament tħalliet tagħmel allegazzjonijiet anki fil-konfront tal-esperti maħtura mill-Qorti, u effettivament din ġabet ruħha b'mod li d-digrieti u s-sentenzi tal-Qrati ma setgħux jiġu eżegwiti. Eżempju ta' dan kien meta l-imsejħa fil-kawża għamlet rapport lill-Pulizija li aċċedew fir-residenza tar-rikorrent, meta suppost kienet qiegħda ssir sessjoni ta' terapija mill-esperta inkarigata mill-Qorti ma' ulied ir-rikorrent, u dan irrispettivament minn jekk din is-sessjoni kellhiex issir fir-residenza tar-rikorrent jew le. Dan l-aġir u l-attitudni negattiva konsistentement murija mill-imsejħa fil-kawża fil-konfront anki tal-esperti inkarigati mill-Qorti, wassal biex dawn l-esperti rrifjutaw li jkomplu bl-inkarigu tagħhom, għaliex ħassew li ma setgħux ikomplu jaħdmu f'dawk iċ-ċirkostanzi.

31. Il-Qorti, wara li kkunsidrat il-provi fit-totalità tagħhom, issa ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha. Bejn ir-rikorrent u l-imsejjħa fil-kawża kien hemm għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni personali li kienu kontenzjużi għall-aħħar. Qabel ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom, kien hemm il-ħtieġa ta' sessjonijiet twal ta' laqgħat informali li eventwalment wasslu biex ir-rikorrent u l-imsejħa fil-kawża ffirmaw il-kuntratt li ġie esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Dan jirriżulta minn dak li qalet l-imsejħa fil-kawża fil-kontro-eżami li sarilha. Barra minn hekk, minn dak li jirriżulta mid-diversi rapporti tal-esperti li taw id-depożizjoni tagħhom quddiem il-Qorti tal-Familja, kemm ir-rikorrent u anki l-imsejjħa fil-kawża f'dawn il-proċeduri, jaħsbu li huma l-ġenitur l-aktar idoneu. Għalkemm ġew innutati nuqqasijiet fiż-żewġ ġenituri, dawn mhumiex nuqqasijiet gravi tant li ma jistgħux jiġu indirizzati bit-terapija ssuġġerita mid-diversi professjonisti li ħadmu magħhom. Mill-provi jirriżulta wkoll li r-relazzjoni bejn il-ġenituri tfarrket sal-punt li kwalsiasi proposta li saret, dwar kif għandu jsir l-aċċess tal-missier u r-rwol li dan għandu jkollu fit-trobbija tal-ulied minuri, ġie attakkat frontalment mill-parti l-oħra. Bir-riżultat ta' dan kollu jkunu snin twal ta' litiġji quddiem il-Qrati, b'ammont sostanzjali ta' rikorsi u risposti li ġew intavolati, mal-mitejn u ħamsin (250) b'kollox, fi proċeduri tortużi u interminabbli. Wara li kien ġie rreġistrat progress fir-relazzjonijiet bejn il-missier u tlieta mill-ulied minuri, kien sar rapport mill-omm segwit b'intervent mill-Pulizija, u wara dan l-episodju ma kienx possibbli li ssir l-ebda sessjoni oħra ta' terapija mal-ulied minuri. Dan fl-istess waqt li kif ammettew diversi xhieda, ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-missier u t-tifel il-kbir tiegħu, li assolutament qiegħed jirrifjuta kull forma ta' kuntatt ma' missieru. Steve Libreri, id-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien Soċjali, spjega għal liema raġuni kien hemm *shelving* tal-problema tat-tifel il-kbir, anki għaliex dan kien diġà laħaq l-età ta' erbatax-il sena u jekk dan jirreaġixxi mal-esperti

maħtura mill-Qorti bl-istess mod kif irreaġixxew ħutu, kien hemm is-sogru li dan ikun passabbli għal proċeduri kriminali. Huma dawn id-diffikultajiet serji li wasslu biex il-proċess ta' rijunifikazzjoni tal-missier ma' uliedu jiġi mfixkel u stultifikat, u fil-każ tal-iben il-kbir kien nieqes għal kollox, għaliex baqa' ma sar xejn biex dan ikollu kuntatt mal-missier.

32. Il-Qorti tqis li għal din is-sitwazzjoni li tħalliet tiddeġenera bl-aktar mod assolut, sakemm ir-rikorrent *pro et noe* spiċċa f'dan il-punt, m'għandu jwieġeb ħadd ħlief l-Istat u l-organi tiegħu, li għal darb'oħra urew li mhumiex attrezzati bl-għodda neċessarja sabiex jikkumbattu sitwazzjonijiet ta' aljenazzjoni severa bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri. F'soċjetà li qiegħda kull ma jmur issir aktar kumplessa, fejn bosta koppji u familji qegħdin jiġu bżonn ta' servizzi dejjem aktar speċjalizzati sabiex jindirizzaw sitwazzjonijiet diffiċli fil-familji, l-Istat u l-organi tiegħu, ma jistgħux ikunu impotenti u ineffettivi, u jonqsu milli jipprovdu r-riżorsi umani u t-taħriġ adegwat sabiex professjonisti li jridu jħabbtu wiċċhom ma' dawn ir-realtajiet, ikollhom l-għodda meħtieġa biex ikunu effettivi fix-xogħol tagħhom. Fuq kollox l-Istat qiegħed jonqos milli jipprovdi qafas leġislattiv adegwat li jagħti aktar setgħat lill-uffiċjali tiegħu, li jirriżulta li kull darba li jridu jieħdu deċiżjoni, iridu l-ewwel jistennew d-direzzjoni mill-Qorti tal-Familja. Ma jistax ikun li sitwazzjonijiet bħal dawn jibqgħu jitħallew għaddejjin, u l-Istat u l-organi tiegħu jibqgħu ineffettivi u impotenti quddiem id-diffikultajiet li persuni bħar-rikorrent ikollhom jgħaddu minnhom, fejn ma jsibux l-id tal-liġi tieqaf magħhom, u li tiggwida lil min kellu jieħu d-deċiżjonijiet fl-aħjar interess tal-ulied. Ma jistax ikun lanqas li wara daqstant spejjeż, ħin, riżorsi u ħela ta' enerġija minn diversi professjonisti u anki mill-Qrati, kull progress li kien irreġistrat mat-tliet ulied minuri sfaxxa fix-xejn, għaliex is-sistema ppermettiet li uffiċjali tal-Pulizija jħarbtu sessjoni ta' terapija li kienu

qegħdin jingħataw l-ulied, wara rapport li sar mill-omm, jew għaliex saru allegazzjonijiet mill-omm li ma ġewx ippruvati, fir-rigward tal-esperti professjonisti maħtura mill-Qorti tal-Familja, b'tali mod li digrieti u deċiżjonijiet li ngħataw mill-qrati baqgħu ma ġewx esegwiti, jew saħansitra ġew injorati għal kollox, daqslikieku tali digrieti u deċiżjonijiet ma kienux ingħataw. L-aċċess ta' persuna għall-Qorti jrid ikun wieħed effettiv, u mhux dak li ġie deċiż jibqa' biss fuq il-karta, mingħajr ebda tama li dan qatt jista' jitwettaq jew jiġi infurzat. Barra minn hekk, il-Qorti taqbel mar-rikorrent li d-digriet tal-1 ta' Novembru, 2022 mogħti mill-Qorti tal-Familja, fejn din naqset milli timmotiva d-deċiżjoni tagħha, ċaħħad lir-rikorrent mid-dritt għal smigħ xieraq, għaliex fejn persuna ma jkollhiex raġuni ċara li abbażi tagħha ttieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tagħha, dan ifisser li jkun qiegħed jitnaqqrilha id-dritt li tkun tista' tikkontesta dik id-deċiżjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent *pro et nomine* li ċ-ċirkostanzi kif seħħew fil-konfront tiegħu huma leżivi tal-jedd fundamentali tiegħu li jingħata smigħ xieraq, għaliex ma jistax jingħad li persuna għandha aċċess effettiv għall-Qorti jekk ir-riżultat finali għaliha jibqa' l-istess, irrispettivament minn jekk il-Qorti tkunx laqgħet it-talbiet tagħha jew le.

33. L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li r-rikorrent mhuwiex korrett meta jgħid li l-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew miksura, u dan għaliex l-awtoritajiet tal-Istat qegħdin jagħmlu dak kollu li jistgħu biex tkun tista' ssir ir-rijunifikazzjoni tal-missier mal-ulied kollha, u fil-fatt wara li ġew fi tmiemhom il-proċeduri quddiem il-QEDB, il-missier ingħata aċċess effettiv għal tlieta minn uliedu.

34. L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

35. Il-Qorti tqis li l-asserzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat li l-missier fil-preżent għandu aċċess effettiv għal uliedu, mhijiex veritiera, hekk kif mill-provi jirriżulta x'tip ta' aċċess kellu l-missier għal uliedu minuri, fejn saħansitra waqt sessjoni ta' terapija ma' esperta inkarigata mill-Qorti tal-Familja, wara li sar rapport mill-omm, intervjeniet il-Pulizija u l-ulied ittieħdu d-DV Unit fid-Depot. Ix-xhud Dr Claire Francica spjegat fit-tul kemm kien detrimentali għall-ulied dan l-episodju, u kif meta hija waslet id-*Depot,* sabet lill-ulied minuri imdawrin ma' ommhom wara li ttieħdu mill-Pulizija mingħand il-missier. Barra minn hekk it-tifel il-kbir, li meta inbdew il-proċeduri odjerni kien għad għandu erbatax-il sena, u li llum jirriżulta li daqt ser issir jew sar maġġorenni, tħalla 'jimmanipula' s-sitwazzjoni b'tali mod li minħabba l-imġiba tiegħu, inqata' kull kuntatt ma' missieru. Minkejja li mill-provi jirriżultaw diversi allegazzjonijiet anki dwar il-missier, il-Qorti ma setgħet issib l-ebda raġuni valida għalfejn ma sar l-ebda tentattiv għal xi forma ta' kuntatt, imqar żgħir, bejn it-tifel l-kbir u missieru, u d-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal saħansitra stqarr li kien hemm il-biżgħa li jekk dan iġib ruħhu kif ġabu ruħhom ħutu ż-żgħar, seta' jkun espost għall-proċeduri kriminali kontra tiegħu. Id-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ta dettalji dwar is-sigħat twal ta' ħidma paċenzjuża li kienet meħtieġa sabiex l-ulied jittieħdu għand missierhom. Il-Qorti tirrileva wkoll li fl-isfond ta' din is-sitwazzjoni fejn kienet qiegħda issir din ir-reżistenza kollha sabiex l-ulied imorru għand missierhom, kien hemm esperti fil-materja maħtura mill-Qorti, li studjaw

is-suġġett u speċjalizzaw fih, li rrakkomandaw li jkun hemm dan l-aċċess għall-missier. Madanakollu l-Avukat tat-Tfal li ġiet maħtura mill-Qorti tal-Familja, b'xi mod kienet ikkonkludiet li jkun aħjar jekk dawn it-tfal jieqfu jmorru għand missierhom. Il-Qorti tqis li dawn il-konklużjonijiet konfliġġenti u kontradittorji huma sintomatiċi ta' sistema li falliet, minflok ma ħarset l-interessi tal-aktar persuni vulnerabbli f'sitwazzjoni bħal din.

36. Il-Qorti tirrileva li l-Istat ma jistax jibqa' passiv quddiem sitwazzjoni bħal din. Assolutament ma jistax jingħad li l-Istat qiegħed iħares il-jedd tar-rikorrent għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, meta dan qiegħed effettivament jiġi mċaħħad milli jkollu xi forma ta' kuntatt ma' uliedu, hekk kif l-organi tal-Istat ammettew li huma mhumiex attrezzati biex jipprovdu l-assistenza meħtieġa f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **I.S. & Others *v.* Malta** (app nru. 9410/20), mogħtija fit-18 ta' Marzu, 2021, il-QEDB sabet ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent *pro et noe* kif protetti bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u jirriżulta li minkejja dik id-deċiżjoni, ma sar xejn sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tar-rikorrent *pro et noe* partikolarment fil-konfront tat-tifel il-kbir. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent *pro et noe* li din is-sitwazzjoni odjerna hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

37. Ir-rikorrent *pro et ne* jilmenta wkoll minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tiegħu, liema jgħid illi:

> "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

38. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li wara snin sħaħ ta' proċeduri legali, b'mijiet ta' digrieti u deċiżjonijiet li ngħataw minn organi ġudizzjarji varji li dehru quddiemhom ir-rikorrent *pro et noe* u l-imsejjħa fil-kawża, ir-rikorrent *pro et noe* baqa' ma ngħata l-ebda rimedju, u għadu mingħajr kuntatt ta' xejn ma' wieħed minn uliedu, filwaqt li fir-rigward tat-tliet ulied minuri l-oħra kien beda jiġi rreġistrat xi forma ta' progress, imma dan twaqqaf ħesrem meta l-ulied ittieħdu mingħand missierhom bl-intervent tal-Pulizija. Il-Qorti semgħet lir-rappreżentanti tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jixhdu li fil-każ odjern ma kienx hemm biżżejjed persuni speċjalizzati sabiex jagħtu l-assistenza meħtieġa, jew inkella sabu li l-qafas legali li qegħdin joperaw fih mhux adegwat għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Id-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal spjega kif il-liġi ma tagħtihx l-awtorità li jieħu ċerti deċiżjonijiet, u li d-Direttorat ikollu jistenna d-direzzjoni tal-Qorti tal-Familja qabel jieħu ċerti azzjonijiet. Ċertament li dan kollu ċaħħad lir-rikorrent *pro et noe* milli jkollu rimedju effettiv għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali mġarrab minnu.

39. Il-Qorti tirrileva wkoll li wieħed mill-ilmenti tar-rikorrent huwa dwar kif il-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikoli 10 u 12 tiegħu, mhumiex effettivi biżżejjed, u ma jagħtux biżżejjed poteri lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet b'urġenza mingħajr il-ħtieġa li jirrikorri għall-Qorti tal-Familja sabiex din tagħti d-direzzjoni tagħha. Hekk per eżempju l-artikolu 10(5) jispeċifika illi:

> "Meta d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jiddeċiedi li l-minuri hu fil-bżonn ta' ħarsien u protezzjoni, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal għandu jieħu kull miżura meħtieġa sabiex jipproteġi lil dak il-minuri, li, mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jidhirlu hija xierqa li jieħu, tista' tinkludi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
>
> ...
>
> (d) jitlob lill-Qorti tagħmel ordni ta' urġenza;

(e) jitlob lill-Qorti tagħmel ordni xierqa għall-protezzjoni tal-minuri."

40. Fil-fehma tal-Qorti, huwa dan il-provvediment partikolari tal-liġi li jdgħajjef mis-saħħa li għandu jkollu d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, li għandu jkollu setgħa aktar wiesgħa sabiex jaġixxi b'mod immedjat f'każijiet ta' urġenza, partikolarment fejn huma nvoluti s-saħħa u l-benesseri tat-tfal jew l-aċċess ta' xi ħadd mill-ġenituri, kif intwera b'mod ċar fil-każ odjern. Il-Qorti semgħet lid-Direttur Steve Libreri jixhed dwar kif id-Direttorat immexxi minnu għandu bosta nuqqasijiet, inkluż ta' riżorsi umani u ta' taħriġ speċjalizzat, u tawspika li l-Istat ikollu r-riżorsi meħtieġa sabiex kwistjoni delikata bħal din tiġi indirizzata, u familji li jgħaddu minn żminijiet diffiċli jsibu s-sostenn tal-awtoritajiet sabiex tittaffa t-tbatija psikoloġika għall-partijiet kollha kkonċernati. Azzjonijiet aktar f'waqqithom ċertament li jgħinu biex sitwazzjonijiet li jistgħu jiġu mgħejuna, ma jitħallewx jiddeġeneraw bil-mod kif iddeġenerat is-sitwazzjoni fil-każ odjern, u jkunu jistgħu jiġu ndirizzati b'mod effettiv.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-imsejħa fil-kawża;**

2) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat;**

3) **Tilqa' t-talba tar-rikorrent *pro et noe* sabiex jiġu infurzati d-digrieti tal-Qorti tal-Familja tad-9 ta' Mejju, 2022, u tal-20 ta' Lulju, 2022, u t-terapija li kienu qegħdin jingħataw it-tfal minuri tar-rikorrent taħt is-superviżjoni tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, tibqa' tingħata. Il-Qorti mhijiex sejra torbot lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal dwar min**

għandhom ikunu l-professjonisti speċifiċi li għandhom jiġu assenjati sabiex ikomplu jassistu lir-rikorrent *pro et noe* u lill-imsejħa fil-kawża, ladarba l-professjonisti imsemmija mir-rikorrent *pro et noe* fir-rikors promotur li ħadmu fuq il-każ, irrinunzjaw għall-inkarigu mogħti lilhom minħabba d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom;

4) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba tar-rikorrent *pro et nomine* għal miżuri *interim*, in vista tal-fatt li jirriżulta li t-tifel il-kbir tar-rikorrent sar jew wasal biex isir maġġorenni, imma tawspika li r-rijunifikazzjoni bejn il-missier u t-tifel il-kbir tiegħu tirnexxi;

5) Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent *pro et noe,* u tordna li l-ismijiet tal-partijiet jiġu anonimizzati, filwaqt li d-dokumenti relatati ma' din il-kawża ma jittellgħux fuq is-sistema tal-*ecourts;*

6) Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba 'regolari' tar-rikorrent *pro et noe,* u tiddikjara li fil-każ odjern ir-rikorrent *pro et noe* ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

7) Tilqa' r-raba' talba 'regolari' tar-rikorrent *pro et noe,* u tiddikjara li l-Kap. 602 u senjatament l-artikoli 10 sa 12 tiegħu, huma leżivi tal-artikoli 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex ma jagħtux lid-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tad-Drittijiet tat-Tfal il-poteri legali li jieħu deċiżjonijiet ta' natura urġenti, u jirrenduh dipendenti fuq id-direzzjoni tal-Qorti tal-Familja, partikolarment f'sitwazzjonijiet ta' urġenza;

8) In kwantu għas-sitt talba 'regolari' tar-rikorrent *pro et noe*, u in vista tal-fatt li anki l-QEDB illikwidat kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrent *pro et noe* minħabba ċirkostanzi li uħud minnhom baqgħu jippersistu, u fil-fatt taw lok għall-proċeduri odjerni, l-intimat Avukat tal-Istat qiegħed

**jiġi ordnat iħallas lir-rikorrent *pro et noe* s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala kumpens għad-danni sofferti minnu.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibagħat kopja tagħha lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**